- Trattament aġġuntiv tal-kriżijiet parzjali u tal-kriżijiet ġeneralizzati, inklużi l-kriżijiet toniko-kloniċi u l-kriżijiet assoċjati mas-sindromu ta' Lennox-Gastaut.
- Monoterapija tal-kriżijiet ta' assenza tipika (*typical absence seizures*).

Disturb bipolari

Adulti minn 18-il sena 'l fuq

- Prevenzjoni ta' episodji depressivi f'pazjenti b'disturb bipolari tat-tip I li jesperjenzaw episodji predominantament depressivi (ara s-sezzjoni 5.1).

Lamictal mhuwiex indikat għat-trattament akut ta' episodji ta' manija jew depressivi".

Is-CHMP irrakkomanda l-emendar ta' l-Awtorizzazzjoni(jiet) għat-Tqegħid fis-Suq li, is-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, it-tikketta u l-fuljett ta' tagħrif għalihom huma stabbiliti fl-Anness III għal Lamiċtal u l-ismijiet assoċjati (ara l-Anness I).

ANNESS III

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 25 mg .

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 50 mg .

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 100 mg .

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 200mg .

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 2mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 5mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 25mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 50mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 100mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness I) pilloli ta' 200mg li jixterdu/ jiġu mimgħuda

(Ara l-Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull pillola Lamictal 25 mg fiha 25 mg lamotrigine.

Sustanza mhux attiva: Kull pillola fiha 23.5 mg lattsosju.

Kull pillola Lamictal 50 mg fiha 50 mg lamotrigine.

Sustanza mhux attiva: Kull pillola fiha 46.9 mg lattsosju.

Kull pillola Lamictal 100 mg fiha 100 mg lamotrigine.

Sustanza mhux attiva: Kull pillola fiha 93.9 mg lattsosju.

Kull pillola Lamictal 200 mg fiha 200 mg lamotrigine.

Sustanza mhux attiva: Kull pillola fiha 109.0 mg lattsosju.

Kull pillola Lamictal 2 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 2 mg lamotrigine

Kull pillola Lamictal 5 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 5 mg lamotrigine

Kull pillola Lamictal 25 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 25 mg lamotrigine

Kull pillola Lamictal 50 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 50 mg lamotrigine

Kull pillola Lamictal 100 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 100 mg lamotrigine

Kull pillola Lamictal 200 mg li tixtered/tiġi mimgħuda fiha 200 mg lamotrigine

Għal lista sħiħa ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Pillola,

Pillola li tixtered/tiġi mimgħuda

Pilloli ta' 25 mg:

Ta' kulur isfar-kannella mitfi, b'numru ta' faċċati, super-ellittiċi, immarkati "GSEC7" fuq naħa u "25" fuq l-oħra

Pilloli ta' 50 mg:

Ta' kulur isfar-kannella mitfi, b'numru ta' faċċati, super-ellittiċi, immarkati "GSEE1" fuq naħa u "50" fuq l-oħra

Pilloli ta' 100 mg:

Ta' kulur isfar-kannella mitfi, b'numru ta' faċċati, super-ellittiċi, immarkati "GSEE5" fuq naħa u "100" fuq l-oħra

Pilloli ta' 200 mg:

Ta' kulur isfar-kannella mitfi, b'numru ta' faċċati, super-ellittiċi, immarkati "GSEE7" fuq naħa u "200" fuq l-oħra.

Pilloli ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad b'riħa ta' ribes. Naħa waħda ċċanfrinata u mmarkata "LTG" fuq in-numru 2. In-naħa l-oħra mmarkata b'żewġ super-ellissi li jirkbu waħda 'll-oħra f'anġli retti. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bi ftit kuluri.

Pilloli ta' 5 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad, ġejja fit-tul, bi-konvessa b'riħa ta' ribes, immarkata "GS CL2" fuq naħa u "5" fuq l-oħra. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bil-kulur.

Pilloli 25 mg li jistgħu jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad, b'numru ta' faċċati, super-ellittika, u b'riħa ta' ribes, immarkata "GSCL5" fuq naħa u "25" fuq l-oħra. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bil-kulur.

Pilloli ta' 50 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad, b'numru ta' faċċati, super-ellittika u b'riħa ta' ribes, immarkata "GSCX7" fuq naħa u "50" fuq l-oħra. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bil-kulur.

Pilloli ta' 100 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad, b'numru ta' faċċati, super-ellittika u b'riħa ta' ribes, immarkata "GSCL7" fuq naħa u "100" fuq l-oħra. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bil-kulur.

Pilloli ta' 200 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Pillola bajda jew tagħti fl-abjad, b'numru ta' faċċati, super-ellittika, u b'riħa ta' ribes, immarkata "GSEC5" fuq naħa u "200" fuq l-oħra. Il-pilloli jistgħu ikunu ttikkjati bil-kulur.

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Epilessija

Adulti u adolexxenti minn 13-il sena 'l fuq

- Trattament addizzjonali jew monoterapetwiku ta' attakki parzjali u attakki ġeneralizzati, inklużi attakki toniċi-kloniċi
- Attakki assoċjati mas-sindrome Lennox-Gastaut. Lamictal jingħata bħala trattament addizzjonali imma jista' jkun il-mediċina anti-eppilettika inizjali (AED) biex tibda' l-kura fis-sindrome Lennox-Gastaut.

Tfal u adolexxenti ta' minn sentejn sa 12-il sena

- Trattament addizzjonali ta' attakki parzjali jew attakki ġeneralizzati, inklużi attakki toniċi-kloniċi u attakki assoċjati mas-sindrome Lennox-Gastaut.
- Monoterapija ta' attakki ta' assenza tipika.

Mard bipolari

Adulti ta' minn 18-il sena 'l fuq

- Prevenzjoni ta' episodji depressivi f'pazjenti b'mard bipolari I li jgħaddu minn episodji ta' depressjoni predominanti (ara sezzjoni 5.1)

Lamictal m'għandux jintuża għat-trattament akut ta' episodji manijaċi dew depressivi.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Il-pilloli Lamictal għandhom jinbelgħu sħaħ, u m'għandhomx jiġu mimgħuda jew imfarrka.

Il-pilloli Lamictal li jixterdu jew jiġu mimgħuda li jiġu mimgħuda, imxerrda fi ftit ilma (kemm titgħatta l-pillola kollha) jew jinbelgħu sħaħ ma' ftit ilma.

Jekk id-doża kalkolata ta' lamotrigine (per eżempju fit-trattament ta' tfal b'epilessija jew pazjenti b'indeboliment tal-fwied) ma tkunx tagħmel daqs żewġ pilloli sħaħ, id-doża li għandha tingħata hi dik li tkun daqs in-numru iżgħar ta' pilloli sħaħ.

Bidu ta' terapija mill-ġdid

Min jikteb il-mediċina għandu jqis il-bżonn ta' żjieda għal doża li tkun meħtieġa meta Lamictal jerġa' jingħata lil pazjenti li jkunu waqfu milli jieħdu Lamictal għal xi raġuni, billi r-riskju ta' raxx qawwi hu assoċjat ma' dożi għolja fil-bidu li jeċċedu ż-żjieda ta' doża rakkomandata ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.4). Aktar ma jkun twil l-intervall ta' ħin mill-aħħar doża, aktar għandu jitqies kemm għandha tkun iż-żjieda tad-doża li tkun meħtieġa. Meta l-intervall mill-aħħar li jkun ittieħed lamotrigine ikun jaqbeż ħames *half-lives* (ara sezzjoni 5.2), Lamictal għandu ġeneralment jiżdied sa ma jilħaq id-doża meħtieġa skond l-iskeda li tkun tapplika.

Hu rakkomandat li Lamictal m'għandux jinbeda f'pazjenti li jkunu waqqfuh minħabba raxx assoċjat ma' xi trattament ta' qabel b'lamotrigine sakemm il-benefiċċju li jista' jinkiseb ma jkunx biċ-ċar aktar importanti mir-riskju.

Epilessija

Iż-żjieda ta' doża u d-dożi meħtieġa rakkomandati għal adulti u adolexxenti ta' 13-il sena u aktar (Tabella 1) u għal tfal u adolexxenti ta' bejn is-2 u t-12-il sena (Tabella 2) jidhru hawn taħt. Minħabba r-riskju ta' raxx id-doża tal-bidu u ż-żjieda sussegwenti tad-doża m'għandhomx jiġi maqbuża (ara sezzjoni 4.4).

Meta xi AEDs oħra li jkunu qed jittieħdu flimkien jitwaqqfu jew meta xi AEDs/prodotti mediċinali oħra jiżdiedu ma' trattamenti li jkun fihom lamotrigine, għandu jiġi meqjus x'effett dan jista' jkollu fuq il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5).

Tabella 1: Adulti u adolexxenti ta' minn 13-il sena 'l fuq – metodu rakkomandat ta' trattament għal epilessija

Metodu ta' trattament	Ġimgħat 1 + 2	Ġimgħat 3 + 4	Doża normali meħtieġa
Monoterapija:	25 mg/kuljum (darba kuljum)	50 mg/kuljum (darba kuljum)	100 – 200 mg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex tintlaħaq stabbilizzazzjoni, id-dożi jistgħu jiżdiedu sa massimu ta' 50 – 100 mg kull ġimgħa jew tnejn sakemm jintlaħaq l-aħjar rispons. Xi pazjenti kienu jeħtieġu 500 mg/kuljum biex jiksbu l-aħjar rispons.
Terapija addizzjonali B' valproate (impeditur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine –ara sezzjoni 4.5):			
Dan il-metodu ta' dożaġġ għandu jintuża ma' valproate ikunu x'ikunu l-prodotti mediċinali li jittieħdu fl-istess ħin.	12.5 mg/kuljum (mogħtija f'25 mg darba iva u darba le)	25 mg/kuljum (darba kuljum)	100 – 200 mg/kuljum (darba kuljum jew maqsuma f'żewġ dożi). Biex jinkiseb il-livell ta' stabbilizzazzjoni meħtieġ, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 20-50 mg kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons.
Terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate u B'indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):			
Dan id-dożaġġ għandu jintuża mingħajr valproate iżda bi: phenytoin carbamazepine phenobarbitone primidone rifampicin lopinavir/ritonavir	50 mg/kuljum (darba kuljum)	100 mg/kulju m (żewġ dożi maqsuma)	200 – 400 mg/kuljum (żewġ dożi maqsuma) Biex jinkiseb il-livell ta' stabbilizzazzjoni meħtieġ, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 100 mg kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons Xi pazjenti kienu jeħtieġu 700 mg/kuljum biex jiksbu r-rispons mixtieq
Terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate u MINGĦAJR indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5)			
Dan id-dożaġġ għandu jintuża ma' prodotti mediċinali oħra li mhumiex impedituri jew indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	25 mg/kuljum (darba kuljum)	50 mg/kuljum (darba kuljum)	100 – 200 mg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex jinkiseb livell ta' stabbilizzazzjoni tajjeb, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 50-100 mg kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons
F'pazjenti li jkunu jieħdu prodotti mediċinali li għad mhux magħruf jekk il-farmakokinetiċi tagħhom ma' lamotrigine jaqblux jew le (ara sezzjoni 4.5), għandu jintuża d-dożaġġ rakkomandat għal lamotrigine flimkien ma valproate.			

Tabella 2: Tfal u adolexxenti ta' minn sentejn sa 12-il sena – programm ta' dożaġġ rakkomandat għal epilessija (doża totali ta' kuljum f' mg/piż tal-ġisem/kuljum)

Metodu ta' trattament	Ġimgħat 1 + 2	Ġimgħat 3 + 4	Doża biex jinkisbu livelli normali ta' stabbilizzazzjoni
Monoterapija ta' attakki tipiċi ta' assenza	0.3 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	0.6 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	1 – 10 mg/kg/kuljum, għalkemm xi pazjenti kellhom bżonn ta' dożi akbar (sa 15 mg/kg/kuljum) biex jinkisbej ir-rispons meħtieġ (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex jinkisbu livelli tajba ta' stabbilizzazzjoni, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 0.6 mg/kg/kuljum kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons
Terapija addizzjonali B'valproate (impeditur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine – ara sezzjoni 4-5):			
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża ma' valproate ikunu x'ikunu mediċini oħra li jkunu jittieħdu fl-istess ħin	0.15 mg/kg/kuljum m* (darba kuljum)	0.3 mg/kg/kuljum (darba kuljum)	1 – 5 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex jinkisbu livelli tajba ta' stabbilizzazzjoni, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 0.3 mg/kg/ kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons, bl-ogħla doża għandha tkun 200 mg/kuljum.
Terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate B'indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):			
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża mingħajr valproate iżda bi: phenytoin carbamazepine phenobarbitone primidone rifampicin lopinavir/ritonavir	0.6 mg/kg/kuljum (żewġ dożi maqsuma)	1.2 mg/kg/kuljum (żewġ dożi maqsuma)	5 – 15 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex jinkisbu livelli tajba ta' stabbilizzazzjoni, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 1.2 mg/kg/ kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons, bl-ogħla doża għandha tkun 400 mg/kuljum.
Terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate u MINGĦAJR indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):			
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża ma' prodotti mediċinali oħra li mhumiex sostanzjalment impedituri jew indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	0.3 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	0.6 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	1 – 10 mg/kg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Biex jinkisbu livelli tajba ta' stabbilizzazzjoni, id-dożi jistgħu jiżdiedu b'massimu ta' 0.6 mg/kg/ kull ġimgħa jew tnejn sakemm jinkiseb l-aħjar rispons, bl-ogħla doża biex jinkisbu l-aħjar riżultati ta' stabbilizzazzjoni tkun 200 mg/kuljum.
F'pazjenti li jkunu jieħdu prodotti mediċinali li għad mhux magħruf jekk il-farmakokinetiċi tagħhom ma' lamotrigine jaqblux jew le (ara sezzjoni 4.5), għandu jintuża l-programm ta' dożaġġ rakkomandat għal lamotrigine flimkien ma valproate.			

Pilloli li jixterdu/li jiġu mimgħuda ta' 2 mg – meta din tkun l-inqas qawwija fis-suq: <*Jekk id-doża kalkolata għal kuljum f'pazjenti fuq il-valproate hi 1 mg jew aktar iżda inqas minn 2 mg, hemmhekk pilloli Lamictal ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimghuda jistgħu jittiehdu darba iva u oħra le għall-ewwel ġimgħatejn. Jekk id-doża kalkolata għal kuljum f'pazjenti fuq valproate tkun inqas minn 1 mg, hemmhekk Lamictal m'għandux jingħata>.
Pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda ta' 5 mg – meta pilloli ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda ma jkunux fis-suq u pilloli Lamictal ta' 5 mg li jistgħu jixterdu /jiġu mimgħuda huma l-inqas qawwija fis-suq: <*Jekk id-doża kalkolata għal kuljum f'pazjenti fuq il-valproate hi 2.5 mg jew aktar iżda inqas minn 5 mg, hemmhekk pilloli Lamictal ta' 5 mg li jixterdu/jiġu mimghuda jistgħu jittiehdu darba iva u oħra le għall-ewwel ġimgħatejn. Jekk id-doża kalkolata għal kuljum f'pazjenti fuq valproate tkun inqas minn 2.5 mg, hemmhekk Lamictal m'għandux jingħata>.

Biex ikun żgurat li tinżamm doża terapewtika il-piż ta' tarbija għandu jiġi monitorjat u d-doża għandha tiġi riveduta skond il-bidliet fil-piż. X'aktarx li pazjenti ta' bejn is-sentejn u sitt snin ikollhom bżonn ta' doża ta' stabbilizzazzjoni fl-ogħla livell ta' l-iskala rakkomandata.

Jekk jinkiseb kontroll epilettiku flimkien ma' trattament addizzjonali, AEDs konkomitanti jistgħu jitwaqqfu u l-pazjenti jistgħu ikomplu b'monoterapija ta' Lamictal.

Pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda ta' 5 mg – meta pilloli ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda ma jkunux fis-suq u pilloli Lamictal ta' 5 mg li jistgħu jixterdu /jiġu mimgħuda huma l-inqas qawwija fis-suq: <Għandu jiġi nnotat li bil-pilloli li jixterdu/jiġu mimghuda Lamictal ta' 5 mg li jinsabu fis-suq bhalissa, mhux possibbli li tinbeda terapija ta' lamotrigine bl-użu tal-linji gwida dwar dożaġġi rakkomandati f'pazjenti pedjatriċi li jiżnu inqas minn 17 kg.>

Tfal ta' taħt is-sentejn

Hemm tagħrif limitat dwar l-effikaċja u s-sigurtà ta' lamotrigine bħala terapija addizzjonali ta' aċċessjonijiet parzjali fi tfal ta' eta minn xahar sa sentejn (ara s-sezzjoni 4.4). Ma hemmx tagħrif fi tfal taħt l-eta' ta' xahar. Għalhekk Lamictal m'huwiex rakkomandat għall-użu fi tfal taħt l-eta' ta' sentejn. Jekk, fuq bażi ta' bżonn kliniku, xorta tittieħed deċiżjoni biex tingħata l-kura, ara s-sezzjonijiet 4.4, 5.1 u 5.2.

Mard bi-polari

Id-dożi rakkomandati dwar kif jiżdiedu u jinżammu fil-livelli ta' stabbilizzazzjoni meħtieġa fil-każ ta' adulti ta' 18-il sena u 'l fuq jidhru fit-tabelli hawn taħt. Il-programm ta' dożaġġ fi transizzjoni jnvolvi ż-żjieda tad-doża ta' lamotrigine għal doża li tistabbilixxi l-livelli meħtieġa ta' stabbilizzazzjoni fuq perijodu ta' sitt xhur (Tabella 3) u li mbagħad prodotti mediċinali psikotropiċi u/jew AEDs oħra jistgħu jitwaqqfu, jekk dan ikun klinikament indikat (Tabella 4). L-aġġustamenti fid-doża wara li jkunu żdiedu prodotti mediċinali psikotropiċi u AEDs oħra jidhru wkoll hawn taħt (Tabella 5). Minħabba r-riskju ta' raxx id-doża tal-bidu u żjidiet oħra ta' wara m'għandhomx jinqabżu (ara sezzjoni 4.4).

Tabella 3: Adulti ta' minn 18-il sena 'l fuq – żjieda ta' doża rakkomandata għad-doża li tistabbilixxi t-total ta' kuljum biex jinkisbu l-livelli meħtieġa ta' stabbilizzazzjoni fit-trattament ta' mard bi-polari.

Metodu ta' Trattament	Ġimgħat 1 + 2	Ġimgħat 3 + 4	Ġimgħa 5	Doża ta' Stabbilizzazzjoni fil-Mira (Ġimgħa 6)*
Monotherapy b'terapija b'lamotrigine JEW b'terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate u MINGĦAJR indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża flimkien ma' prodotti mediċinali oħra li mhumiex sostanzjalment impedituri jew indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	25 mg/kuljum (darba kuljum)	50 mg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	100 mg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	200 mg/kuljum – doża fil-mira normali biex jinkiseb l-aħjar rispons (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Dożi fl-iskala ta' 100-400 mg/kuljum użati fi provi kliniċi
Terapija addizzjonali B'valproate (impeditur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine – ara sezzjoni 4.5)				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża b'valproate ikunu x'ikunu xi prodotti mediċinali oħra li jittieħdu flimkien	12.5 mg/kuljum (mogħtija bħala 25 mg darba iva u darba le)	25 mg/kuljum (darba kuljum)	50 mg/kuljum (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma)	100 mg/kuljum – id-doża fil-mira normali biex jinkiseb l-aħjar rispons (darba kuljum jew żewġ dożi maqsuma) Tista' tintuża doża massima ta' 200 mg/kuljum skond ir-rispons kliniku
Terapija addizzjonali MINGĦAJR valproate u B'indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża mingħajr valproate iżda bi: phenytoin carbamazepine phenobarbitone primidone rifampicin lopinavir/ritonavir	50 mg/kuljum (darba kuljum)	100 mg/kuljum (żewġ dożi maqsuma)	200 mg/kuljum (żewġ dożi maqsuma)	300 mg/kuljum fil-Ġimgħa 6, jekk hemm bżonn jiżdiedu għad-doża fil-mira normali ta' 400 mg/kuljum fil-Ġimgħa 7, biex jinkiseb l-aħjar rispons (żewġ dożi maqsuma)
F'pazjenti li jkunu jieħdu prodotti mediċinali li għad mhux magħruf jekk il-farmakokinetiċi tagħhom ma' lamotrigine jaqblux jew le (ara sezzjoni 4.5), għandu jintuża l-programm ta' dożaġġ miżjud kif rakkomandat għal lamotrigine flimkien ma valproate.				

*Id-doża ta' stabbilizzazzjoni fil-Mira tinbidel skond ir-rispons kliniku

Tabella 4: Adulti ta' minn 18-il sena 'l fuq – doża totali ta' kuljum rakkomandata biex tinkiseb stabbilizzazzjoni wara li jitwaqqfu mediċini konkomitanti fit-trattament ta' mard bi-polari.

Darba li d-doża li tistabbilixxi t-total ta' kuljum biex jinkisbu l-livelli meħtieġa tkun stabbilita, prodotti mediċinali oħra jistgħu jitwaqqfu kif jidher hawn taħt.

Metodu ta' Trattament	Doża korrenti ta' stabbilizzazzjoni ta' lamotrigine (qabel ma jitwaqqaf)	Ġimgħa 1 (tibda malli jitwaqqaf)	Ġimgħa 2	Ġimgħa 3 'l quddiem *
Meta jitwaqqaf valproate (impeditur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine - ara sezzjoni 4.5), li jiddependi mid-doża oriġinali ta' lamotrigine:				
Meta valproate jitwaqqaf, irdoppja d-doża ta' stabbilizzazzjoni, mingħajr ma taqbeż żjieda ta' aktar minn 100 mg/kull ġimgħa	100 mg/kuljum	200 mg/kulju m	Żomm din id-doża (200 mg/kuljum) (żewġ dożi maqsuma)	
	200 mg/kuljum	300 mg/kulju m	400 mg/day	Żomm din id-doża (400 mg/kuljum)
Meta jitwaqqfu indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5), skond id-doża oriġinali ta' lamotrigine:				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża meta jitwaqqfu dawn li ġejjin: phenytoin carbamazepine phenobarbitone primidone rifampicin lopinavir/ritonavir	400 mg/kuljum	400 mg/kulju m	300 mg/kulju m	200 mg/kulju m
	300 mg/kuljum	300 mg/kulju m	225 mg/kulju m	150 mg/kulju m
	200 mg/kuljum	200 mg/kulju m	150 mg/kulju m	100 mg/kulju m
Meta jitwaqqfu prodotti mediċinali li MHUMIEX impedituri jew indutturi sostanzjali ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża meta jitwaqqfu prodotti mediċinali oħra li mhumix impedituri jew indutturi sostanzjali ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	Ibqa' fuq id-doża fil-mira miksuba waqt iż-żjieda tad-doża (200 mg/kuljum; żewġ dożi maqsuma) (skala tad-doża 100-400 mg/kuljum)			
F'pazjenti li jkunu jieħdu prodotti mediċinali li għad mhux magħruf jekk il-farmakokinetiċi tagħhom ma' lamotrigine jaqblux jew le (ara sezzjoni 4.5), għandu jintuża l-programm ta' dożaġġ kif rakkomandat għal lamotrigine flimkien ma valproate.				

- Id-doża tista' tiżdied sa 400 mg/kuljum kif meħtieġ

Tabella 5: Adulti ta' minn 18-il sena 'l fuq – aġġustament tad-dożaġġ ta' kuljum ta' lamotrigine wara ż-żjieda ta' prodotti mediċinali oħra fit-trattament ta' mard bi-polari

Għad m'hawnx esperjenza klinika dwar l-aġġustament tad-dożaġġ ta' kuljum ta' lamotrigine wara ż-żjieda ta' prodotti mediċinali oħra. Madankollu, fuq il-bażi ta' studji dwar kemm din taqbel ma' prodotti mediċinali oħra, jistgħu isiru dawn ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

Metodu ta' Trattament	Id-doża kurrenti għall-istabbilizzazzjoni ta' lamotrigine (qabel iż-żjieda)	Ġimgħa 1 (tinbeda biż-żjieda)	Ġimgħa 2	Ġimgħa 3 'l quddiem
Żjieda ta' valproate (impeditur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine – ara sezzjoni 4.5), skond id-doża oriġinali ta' lamotrigine:				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża meta jiżdied valproate ikunu x'ikunu xi prodotti mediċinali konkomitanti oħra	200 mg/kuljum	100 mg/kuljum	Żomm din id-doża (100 mg/kuljum)	
	300 mg/kuljum	150 mg/kuljum	Żomm din id-doża (150 mg/kuljum)	
	400 mg/kuljum	200 mg/kuljum	Żomm din id-doża (200 mg/kuljum)	
Żjieda ta' indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine f'pazjenti li MA JKUNIX jieħdu valproate (ara sezzjoni 4.5), skond id-doża oriġinali ta' lamotrigine:				
Il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża meta dawn li ġejjin jiżdiedu mingħajr valproate: phenytoin carbamazepine phenobarbitone primidone rifampicin lopinavir/ritonavir	200 mg/kuljum	200 mg/kuljum	300 mg/kuljum	400 mg/kuljum
	150 mg/kuljum	150 mg/kuljum	225 mg/kuljum	300 mg/kuljum
	100 mg/kuljum	100 mg/kuljum	150 mg/kuljum	200 mg/kuljum
Żjieda ta' prodotti mediċinali li MHUMIEX impedituri jew indutturi sostanzjali ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5):				
Dan il-programm ta' dożaġġ għandu jintuża meta jiżdiedu prodotti mediċinali oħra li ma jkunux impedituri jew indutturi sostanzjali ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	Żomm id-doża fil-mira miksuba fiż-żjieda tad-doża (200 mg/kuljum; skala ta' doża 100-400 mg/kuljum)			
F'pazjenti li jkunu jieħdu prodotti mediċinali li għad mhux magħruf jekk il-farmakokinetiċi tagħhom ma' lamotrigine jaqblux jew le (ara sezzjoni 4.5), għandu jintuża l-programm ta' dożaġġ kif rakkomandat għal lamotrigine flimkien ma valproate.				

Meta Lamictal jitwaqqaf f'pazjenti b'mard bi-polari

Fi provi kliniċi, ma kien hemm ebda żjieda fl-inċidenza, severita' jew tipi ta' reazzjonijiet avversi wara t-twaqqif f'salt ta' lamotrigine kontra plaċebo. Għalhekk, il-pazjenti jistgħu iwaqqfu Lamictal mingħajr ma' jnaqqsu d-doża flit flit.

Tfal u adolexxenti taħt it-18-il sena

Lamictal mhuwix rakkomandat għal tfal taħt it-18-il sena minħabba nuqqas ta' tagħrif dwar sigurtà u effikaċja (ara sezzjoni 4.4).

Rakkomandazzjonijiet ġenerali dwar dożi ta' Lamictal f'popolazzjonijiet ta' pazjenti speċjali

Nisa li jkunu jieħdu kontraċettivi ormonali

L-użu flimkien ta' ethinyloestradiol/levonorgestrel (30 µg/150 µg) iżid it-tneħħija ta' lamotrigine bid-doppju, u dan jirriżulta fi tnaqqis ta' livelli ta' lamotrigine. Wara t-titrazzjoni, dożi ogħla stabbiliti ta' lamotrigine (sa darbtejn aktar) jistgu ikunu meħtieġa biex jinkiseb l-aħjar riżultat terapewtiku. Matul il-ġimgħa bla pilloli, ġiet osservata żjieda doppja fil-livelli ta' lamotrigine. Ma jistgħux jiġu esklużi reazzjonijiet avversi relatati mad-dożi. Għalhekk, għandha tingħata konsiderazzjoni għall-użu ta' kontraċezzjoni mingħajr il-ġimgħa bla pilloli, bħala l-ewwel linja ta' terapija (per eżempju, kontraċettivi ormonali kontinwi jew metodi mhux ormonali; ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

Meta jinbdew kontraċettivi ormonali f'pazjenti li jkunu ġa qed jieħdu dożi ta' stabbilizzazzjoni ta' lamotrigine BLA ma jieħdu indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine

Id-doża stabbilita ta' lamotrigine tkun teħtieġ, fil-biċċa l-kbira, li tiżdied sa d-doppju (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5). Hu rakkomandat li malli tinbeda l-kontraċezzjoni ormonali, id-doża ta' lamotrigine tiżdied b'50 jew 100 mg/kuljum kull ġimgħa, skond ir-riżultati kliniċi ta' l-individwu. Iż-żjiediet fid-dożi m'għandhomx jaqbżu din ir-rata, sakemm ir-riżultat kliniku ma jkunx jiffavorixxi żjiediet akbar. Il-kejl ta' konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fis-serum qabel u wara li tinbeda l-kontraċezzjoni ormonali jista' jiġi kkunsidrat, bħala konferma li l-konċentrazzjoni linja bażi ta' lamotrigine tibqa' stabbilizzata. Jekk hemm bżonn, id-doża għandha tiġi adattata. F'nisa li jkunu fuq kontraċezzjoni ormonali li tinkludi ġimgħa ta' trattament mhux attiv ("ġimgħa bla pilloli"), għandu jsir monitoraġġ tal-livell ta' lamotrigine fis-serum matul it-tielet ġimgħa tat-trattament attiv, jiġifieri fil-15 sal-21 jum taċ-ċiklu tal-pilloli. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' kontraċezzjoni mingħajr ma titwaqqaf il-pillola għal ġimgħa, bħala kura prinċipali (per eżempju, kontraċettivi ormonali kontinwi jew metodi mhux ormonali ; ara s-sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

Meta jitwaqqfu l-kontraċettivi ormonali f'pazjenti li jkunu ġa qed jieħdu dożi ta' stabbilizzazzjoni ta' lamotrigine MINGĦAJR ma jkunu jieħdu indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine

Id-doża stabbilita ta' lamotrigine tkun teħtieġ, fil-biċċa l-kbira, li titnaqqas sa b'50% (ara s-sezzjonijiet 4.4 u 4.5). Hu rakkomandat li d-doża ta' kuljum ta' lamotrigine titnaqqas bil-mod b'50 -100 mg/ kull ġimgħa (b'rata li ma taqbiżx il-25% tad-doża totali ta' kuljum kull ġimgħa) fuq perijodu ta' tliet ġimgħat, sakemm ir-riżultati kliniċi ma jindikawx mod ieħor. Il-kejl ta' konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fis-serum qabel ma tinbeda u wara li titwaqqaf il-kontraċezzjoni ormonali jista' jiġi kkunsidrat, bħala konferma li l-konċentrazzjoni linja bażi ta' lamotrigine tibqa' stabbilizzata. F'nisa li jixtiequ jiefqu jieħdu kontraċezzjoni ormonali li tinkludi ġimgħa ta' trattament mhux attiv ("ġimgħa bla pilloli"), għandu jsir monitoraġġ tal-livell ta' lamotrigine fis-serum matul it-tielet ġimgħa tat-trattament attiv, jiġifieri fil-15 sal-21 jum taċ-ċiklu tal-pilloli. M'għandhomx jinġabru kampjuni biex ikunu assessjati l-livelli ta' lamotrigine wara li titwaqqaf il-pillola kontraċettiva għal dejjem matul l-ewwel ġimgħa wara li tkun twaqqfet il-pillola.

Meta jinbeda lamotrigine f'pazjenti li ġa jkunu qed jieħdu kontraċettivi ormonali

Iż-żjieda fid-dożaġġ għandha ssir skond ir-rakkomandazzjoni dwar dożi normali deskritta fit-tabelli.

Meta jinbdew u jitwaqqfu l-kontraċettivi ormonali f'pazjenti li jkunu ġa qed jieħdu dożi ta' stabbilizzazzjoni ta' lamotrigine u li JKUNU QED JIEĦDU indutturi ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine.

Aġġustament tad-doża stabbilizzata rakkomandata ta' lamotrigine jista' ma jkunx hemm bżonnu.

Anzjani ('il fuq minn 65 sena)

M'hemmx bżonn ta' aġġustament tad-dożaġġ kif rakkomandat fl-iskeda. Il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine f'dan il-grupp mhumiex wisq differenti minn dawk ta' popolazzjoni adulta mhux tant anzjana (ara sezzjoni 5.2)

Indeboliment tal-kliewi

Meta Lamictal jingħata lil pazjenti b'indeboliment tal-kliewi dan għandu jsir b' attenzjoni kbira. Fil-każ ta' pazjenti b'indeboliment tal-kliewi gravi ħafna, id-dożi tal-bidu ta' lamotrigine għandhom ikunu bażati fuq il-prodotti mediċinali konkomitanti li jkunu qed jieħdu l-pazjenti; tnaqqis mid-dożi stabbiliti jista' jkun effettiv f'pazjenti b'indeboliment serju tal-funzjoni tal-kliewi (ara sezzjonijiet 4.4 u 4.5).

Indeboliment tal-fwied

Id-dożi tal-bidu, dawk li jiżdiedu u dawk ta' stabbilizzazzjoni ġeneralment għandhom jitnaqqsu b'50% f'pazjenti b'indeboliment tal-fwied moderat (Child-Pugh grad B) u b'75% f'dawk b'indeboliment gravi (Child-Pugh grad C). Id-dożi li jiżdiedu u dawk ta' stabbilizzazzjoni għandhom jiġu aġġustati skond ir-riżultat kliniku (ara sezzjoni 5.2).

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

Sensittività eċċessiva għas-sustanzi attivi jew għal xi wħud minn dawk mux attivi.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Raxx fil-ġilda

Dehru rapporti ta' reazzjonijiet mhux mixtieqa fil-ġilda, li ġeneralment sehew fl-ewwel tmien ġimgħat wara li jkun inbeda t-trattament b'lamotrigine. Fil-parti l-kbira dawn kienu każi ta' raxx ħafif li jgħaddi waħdu, biss ġie li kien hemm każi ta' raxx serju li jkun jeħtieġ trattament fi sptar u t-twaqqif ta' lamotrigine. Ma' dawn kien hemm każijiet ta' raxx li jista' jipperikola l-ħajja bħas-sindrome Stevens-Johnson u nekroliżi tossika tal-ġilda (ara sezzjoni 4.8).

F'adulti reġistrati fi studji li jutilizzaw ir-rakkomandazzjonijiet korrenti dwar dożaġġi ta' lamotrigine l-inċidenza ta' raxx serju fil-ġilda kienet ta' madwar 1 f'kull 500 pazjenti epilettiċi. Madwar nofs dawn il-każi ġew rappurtati bħala sindrome Stevens-Johnson (1 minn kull 1000). Fi provi kliniċi fuq pazjenti b'mard bipolari, l-inċidenza ta' raxx serju kienet ta' madwar 1 minn kull 1000.

Ir-riskju ta' raxx serju fit-tfal hu akbar minn dak tal-kbar. Tagħrif li jeżisti minn numru ta' studji juri li l-inċidenza ta' raxx li kien jeħtieġ sptar għal tfal epilettiċi kien minn 1 kull 300 sa 1 kull 100.

Fit-tfal, l-ewwel dehra ta' raxx tista' bi żball tittieħed bħala nfezzjoni. It-tobba għandhom iqisu l-possibiltà ta' reazzjoni għat-trattament b'lamotrigine fi tfal li jiżviluppaw sintomi ta' raxx u deni fl-ewwel tmien ġimgħat tat-terapija.

Barra dan, ir-riskju ġenerali ta' raxx jidher li aktarx ikun assoċjat ma:

- dożi inizjali għolja ta' lamotrigine li jaqbżu d-doża rakkomandata ta' żjieda fit-terapija b'lamotrigine (ara sezzjoni 4.2)
- l-użu fl-istess ħin ta' valproate (ara sezzjoni 4.2).

Għandha wkoll tingħata attenzjoni fit-trattament ta' pazjenti bi storja ta' allerġija jew raxx għal AEDs oħra għax il-frekwenza ta' raxx mhux daqshekk gravi b'lamotrigine kienet madwar tliet darbiet akbar f'dawn il-pazjenti minn dawk mingħajr storja bħal dik.

Il-pazjenti kollha (kbar u żgħar) li jiżviluppaw raxx għandhom jiġu eżaminati mill-ewwel u Lamictal jitwaqqfilhom sakemm ir-raxx ma jkunx biċ-ċar relatat mat-trattament b'lamotrigine. Hu rrakkomandat li Lamictal ma jerġgħax jibda jingħata lil pazjenti li kienu waqqfuh minħabba xi raxx li qabel kien assoċjat ma' trattament b'lamotrigine sakemm il-benefiċċju li jista' jinkiseb ma jkunx akbar mir-riskju li jittieħed.

Raxx ġie wkoll rappurtat bħala parti ta' sindrome ta' sensittività eċċessiva assoċjata ma' għamla varjata ta' sintomi sistemiċi li jinkludu deni, limfadenopatija, edema fil-wiċċ u anormalitajiet fid-demem u l-fwied (ara sezzjoni 4.8). Is-sindrome turi firxa wiesgħa ta' severità klinika u tista', għalkemm rari, twassal għal koagulazzjoni mxerrda fil-vini u ħsara f'diversi partijiet tal-ġisem. Ta' min jinnota li jistgħu jidhru sinjali bikrin ta' sensittività eċċessiva (per eżempju deni, limfadenopatija) minkejja li r-raxx ma jkunx tfaċċa. Jekk ikun hemm sinjali u sintomi bħal dawn il-pazjent għandu jiġi eżaminat mill-ewwel u Lamictal jitwaqqaf jekk ma tkunx stabbilita xi etjoloġija oħra.

Sitwazzjoni klinika li tmur għall-aġar u riskju ta' suwiċidju

Ideat u aġir ta' suwiċidju (suwiċidalita') ġew irrapurtati f'pazjenti ittrattati b'AED f'ħafna indikazzjonijiet, fosthom l-epilessija u d-disturb bi-polari. Meta-analiżi ta' studji kliniċi, kkontrollati bi plaċebo, ta' AED (fosthom lamotrigine) urew riskju akbar ta' aġir ta' suwiċidju (ara sezzjoni 5.1). F'AED fejn ma kienx hemm din id-dat disponibbli, ma tistax tiġi eskluża assoċjazzjoni simili ma' eventi relatati ma' suwiċidju. Għalhekk il-pazjenti għandhom ikunu osservati għal sinjali ta' suwiċidalita' waqt kura b'Lamictal. Pazjenti (u dawk li jieħdu ħsieb il-pazjenti) għandhom jingħataw il-parir li jfittxu parir mediku jekk joħorġu sinjali ta' suwiċidalita'.

F'pazjenti b'distubi bi-polari, jistgħu imorru għall-aġar sintomi ta' dipressjoni u/jew toħroġ is-suwiċidalita' kemm jekk ikunu qed jieħdu l-mediċini għal disturb bi-polari, inkluż Lamictal, u kemm jekk le. Għalhekk pazjenti li qegħdin jirċievu Lamictal għal disturb bi-polari għandhom ikunu osservati mill-qrib għal sitwazzjoni klinika li marret għall-aġar (inkluż iżvilupp ta' sintomi ġodda) u suwiċidalita', speċjalment fil-bidu ta' kors ta' kura, jew fiż-żmien meta jkun qegħdin jibidlu d-dożi. Xi pazjenti, bħal dawk li jkollhom storja ta' aġir jew ħsibijiet ta' suwiċidju, adulti żgħażaġh, u dawk il-pazjenti li jesibixxu ammont sinifikanti ta' ideazzjoni ta' suwiċidju qabel ma tkun inbdiet il-kura, jistgħu ikollhom riskju akbar ta' ħsibijiet ta' suwiċidju jew attentati ta' suwiċidju, u għandhom jingħataw osservazzjoni mill-qrib waqt il-kura.

Għandha tingħata konsiderazzjoni li tindbidel is-sistema ta' kura, kif ukoll il-possibilita' li titwaqqaf il-mediċina, f'pazjenti li jesperjenzaw sitwazzjoni klinika li tmur għall-aġar, (li tinkludi żvilupp ta' sintomi ġodda) u/jew l-emerġenza ta' ideazzjoni/aġir ta' suwiċidju, speċjalment jekk dawn is-sintomi ikunu severi, jidhru f'daqqa, jew ma jkunux parti mis-sintomi li jippreżenta bihom il-pazjent.

Kontraċettivi ormonali

Effetti ta' kontraċettivi ormonali fuq l-effikaċja ta' lamotrigine

L-użu ta' kombinazzjoni ta' ethinyloestradiol/levonorgestrel (30 µg/150 µg) iżid it-tneħħija ta' lamotrigine bid-doppju bir-riżultat ta' livelli aktar baxxi ta' lamotrigine (ara sezzjoni 4.5). Tnaqqis fil-livelli ta' lamotrigine ġie assoċjat ma' tnaqqis ta' kontroll waqt attakk. Wara titrazzjoni, dożi ta' stabbilizzazzjoni akbar ta' lamotrigine (sa darbtejn akbar) ikunu meħtieġa fil-parti l-kbira ta' każijiet biex jinkiseb l-aħjar riżultat terapewtiku. Meta l-kontraċettivi ormonali jitwaqqfu, it-tneħħija ta' lamotrigine tonqos bin-nofs. Żjidiel fil-konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine jistgħu ikunu assoċjati ma' reazzjonijiet avversi relatati ma' dożi. Il-pazjenti għandhom jiġu monitorjati dwar dan.

F'nisa li mhumiex diġa' qed jieħdu xi induttur ta' glukuronidazzjoni ta' lamotrigine u li qed jieħdu kontraċettiv ormonali li jinkludi ġimgħa ta' trattament mhux attiv (per eżempju “ġimgħa bla ebda pilloli”), iseħħu żjidiel bil-mod u li jgħaddu malajr fil-livelli ta' lamotrigine matul il-ġimgħa mingħajr trattament attiv (ara sezzjoni 4.2). Varjazzjonijiet bħal dawn fil-livelli ta' lamotrigine jistgħu jiġu assoċjati ma' reazzjonijiet avversi. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat l-użu ta' kontraċezzjoni mingħajr il-ġimgħa bla pilloli, bħala terapija ta' l-ewwel linja (per eżempju, kontraċettivi ormonali kontinwi jew metodi mhux ormonali).

L-interazzjoni ma' kontraċettivi orali oħra jew trattamenti bl-HRT u lamotrigine ma sarux studji dwarha, għalkemm dawn jistgħu bl-istess mod jaffettwaw il-parametri farmakokinetiċi ta' lamotrigine.

Effetti ta' lamotrigine fuq l-effikaċja ta' kontraċettivi ormonali

Studju dwar interazzjoni f'16-il voluntier f'saħħithom wera li meta lamotrigine u kontraċettiv ormonali (kombinazzjoni ethinyloestradiol/levonorgestrel) jingħataw flimkien, ikun hemm żjieda żgħira fit-tneħħija ta' levonorgestrel u bidliet fis-serum FSH u LH (ara sezzjoni 4.5). L-effett ta' dawn il-bidliet fuq l-attività ovulatorja ta' l-ovarju mhux magħruf. Madankolu, il-possibilita' li bidliet bħal dawn jirriżultaw f'nuqqas ta' effikaċja kontraċettiva f'xi pazjenti li jieħdu preparazzjonijiet ormonali ma' lamotrigine ma tistax tiġi eskluża. Għalhekk, il-pazjenti għandhom jiġu mitluba biex jirrapurtaw immedjatament bidliet bħal dawn fil-proċess menstrwali tagħhom, jiġifieri meta titfaċċa xi dmiġa.

Dihydrofolate reductase

Lamotrigine għandu l-effett ħafif ta' impeditur fuq *dihydrofolic acid reductase*, għalhekk hemm il-possibiltà ta' xi tfixkil ma' *folate metabolism* waqt terapija fit-tul (ara sezzjoni 4.6). Madankollu, matul dożaġġ fit-tul, lamotrigine ma induċiex xi tibdiliet sostanzjali fil-konċentrazzjoni ta' l-emoglobina, tal-volum medju korpuskulari, jew tal-konċentrazzjonijiet ta' folate fis-serum jew taċ-ċelluli ħomor tad-demem sa sena jew ta' konċentrazzjonijiet ta' folate fiċ-ċelluli ħomor tad-demem sa 5 snin.

Mard tal-kliwi

Fi studji b'doża waħda f'pazjenti b'mard gravi tal-kliwi, il-konċentrazzjonijiet ta' plasma ta' lamotrigine ma nbidlux sostanzjalment. Madankollu, wieħed aktarx għandu jistenna akkumulazzjoni tal-metabolit tal-glukunorid; għalhekk għandha tingħata attenzjoni fil-kura ta' pazjenti b'mard tal-kliwi.

Pazjenti fuq mediċini oħra li jkun fihom lamotrigine

Lamictal m'għandux jingħata lil pazjenti li jkunu qed jingħataw kura b'xi mediċini oħra li jkun fihom lamotrigine mingħajr ma jgħidu lit-tabib.

Pilloli ta' 25, 50, 100 u 200 mg:

Sustanzi mhux attivi fil-pilloli Lamictal

Il-pilloli Lamictal fihom monoidrat tal-lattosju. Pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza ta' galattosju, b'defiċjenza ta' Lapp lactase jew ta' assorbiment ħażin ta' glukosju-galattosju m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

Żvilupp fit-tfal

Ma hemmx data fuq l-effett ta' lamotrigine fuq żvilupp tal-ġisem, maturita' sesswali u żviluppi konoxxittivi, emozzjonali u li għandhom x'jaqsmu ma' l-imġieba fit-tfal.

Prekawzjonijiet konnessi ma' l-epilessja

Bħal fil-każ ta' AEDs oħra, meta Lamictal jitwaqqaf f'salt jista' jipprovoka ripetizzjoni ta' attacchi. Jekk ma jkunx hemm biża' ta' xi affarijiet oħra (per eżempju xi raxx) li jitolbu twaqqif immedjat tal-pillola, id-doża ta' Lamictal għandha titnaqqas bil-mod il-mod fuq perijodu ta' ġimgħatejn.

Fil-letteratura jeżistu rapporti li jgħidu li attacchi qawwija konvulsivi inkluż l-istatus epilepticus jistgħu iwasslu għal rabdomilosi, disfunzjoni multiorganika u tixrid ta' koagulazzjoni tad-demem fil-vini, xi drabi b'konsegwenzi fatali. Każi simili seħħew ukoll assoċjati ma' l-użu ta' lamotrigine.

Jista' jkun osservat żvilupp klinikament sinifikanti għall-aġħar fil-frekwenza ta' aċċessjonijiet minflok titjib. F'pazjenti b'aktar minn tip wieħed ta' aċċessjoni, il-benefiċċju ta' kontroll osservat għal tip wieħed ta' aċċessjoni għandu jiġi mkejjeż kontra xi żvilupp għall-aġħar f'tip ieħor ta' aċċessjoni.

Aċċessjonijiet mijokloniċi jistgħu imorru għall-aġħar b'lamotrigine.

Hemm ħjiel fid-data li risponsi meta użat flimkien ma' *enzyme inducers* huwa anqas minn meta jintuża flimkien ma' aġenti anti-epileptiċi li ma humiex *enzyme inducers*. Ir-raġuni għal dan m'huwiex ċar.

Fi tfal li jieħdu lamotrigine għal kura ta' aċċessjonijiet ta' assenza tipiċi, l-effikaċja tista' ma tinżammx fil-pazjenti kollha.

Prekawzjonijiet konnessi ma' mard bi-polari

Tfal u adolexxenti taħt it-18-il sena

Il-kura b'mediċini kontra d-depressjoni hi assoċjata ma' riskju akbar ta' ħsibijiet u mġiba suwiċidjali fi tfal u adolexxenti b'mard serju ta' depressjoni u mard ieħor psikjatriku.

4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarjiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

Studji dwar meta dawn il-prodotti mediċinali ma jkunux jaqblu ma' xulxin saru biss fuq adulti.

UDP-glucuronyl transferases ġew identifikati bħala l-enzimi responsabbli għall-metaboliżmu ta' lamotrigine. M'hemm xejn x'juri li lamotrigine klinikament jikkawża xi induzzjoni jew li jimpedixxi sostanzjalment l-enzimi ossidattivi tal-fwied li jimmetabolizzaw il-mediċina, u mhux probabbli li lamotrigine u prodotti mediċinali metabolizzati bl-enzimi taċ-ċitokromu P450 ma jkunux jaqblu ma' xulxin. Lamotrigine jista' jinduċi l-metaboliżmu tiegħu stess imma l-effett ikun żgħir u x'aktarx li ma jkollu ebda konsegwenzi kliniċi.

Tabella 6: Effetti ta' prodotti mediċinali oħra fuq il-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine

Prodotti mediċinali li huma impenituri sinifikanti tal-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	Prodotti mediċinali li huma indutturi sinifikanti tal-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine	Prodotti mediċinali li mhumiex impenituri jew indutturi sinifikanti tal-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine
Valproate	Phenytoin	Oxcarbazepine
	Carbamazepine	Felbamate
	Phenobarbitone	Gabapentin
	Primidone	Levetiracetam
	Rifampicin	Pregabalin
	Lopinavir/ritonavir	Topiramate
	Kombinazzjoni *Ethinylestradiol/ levonorgestrel	Zonisamide
		Lithium
		Bupropion
		Olanzapine

*Trattamenti orali oħra kontraċettivi jew HRT ma ġewx studjati, għalkemm dawn jistgħu bl-istess mod jaffettwaw il-parametri tal-farmakokinetiċi ta' lamotrigine (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4).

Interazzjonijiet li jinvolvu mediċini anti-epilettiċi

Valproate, li hu impenitur tal-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine, inaqas il-metaboliżmu ta' lamotrigine u jżid il-medja tal-half-life ta' lamotrigine kważi bid-doppju. Għal pazjenti fuq terapija konkomitanti b'valproate, għandu jiġi wżat il-programm xieraq ta' trattament (ara sezzjoni 4.2).

Xi AEDs (bħal phenytoin, carbamazepine, phenobarbitone u primidone) li jinduċu enzimi tal-fwied li jimmetabolizzaw il-mediċina jinduċu l-glukuronidazzjoni ta' lamotrigine u jsaħħu l-metaboliżmu ta' lamotrigine. F'pazjenti fuq terapija konkomitanti ta' phenytoin, carbamazepine, phenobarbitone u primidone, għandu jiġi wżat il-programm xieraq ta' trattament (ara sezzjoni 4.2).

Kien hemm xi rapporti ta' reazzjonijiet fis-sistema nervuża ċentrali fosthom sturdamenti, atassija, diplopja, vista mċajpra u dardir f'pazjenti li hađu carbamazepine wara li bdew lamotrigine. Dawn ir-reazzjonijiet ġeneralment jgħaddu meta titnaqqas id-doża ta' carbamazepine. Effett bħal dan deher ukoll fi studju dwar lamotrigine u oxcarbazepine fuq voluntieri adulti f'saħħithom, biss ma sarux studji dwar tnaqqis tad-doża.

Kien hemm xi rapporti fil-letteratura ta' livelli anqas ta' lamotrigine meta lamotrigine intuża flimkien ma' oxycarbazepine. Madankollu, fi studju prospettiv fuq voluntieri adulti f'saħħithom b'dożi ta' 200 mg lamotrigine u 1200 mg oxcarbazepine, oxcarbazepine ma bidilx il-metaboliżmu ta' lamotrigine u lamotrigine ma bidilx il-metaboliżmu ta' oxcarbazepine. Għalhekk f'pazjenti li jirċievu kura flimkien ma' oxycarbazepine, għandha tintuża is-sistema ta' kura għal terapija aġġuntiva b'lamotrigine, mingħajr valproate u mingħajr *inducers* ta' glukorinidzzjoni ta' lamotrigine (ara s-sezzjoni 4.2).

Fi studju fuq voluntieri f'saħħithom, it-teħid flimkien ta' felbamate (1200 mg darbtejn kuljum) ma' lamotrigine (100 mg darbtejn kuljum għal 10 ġranet) ma deher li kellu ebda effetti rilevanti kliniċi fuq il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine.

Fuq il-bażi ta' analiżi retrospektiva ta' livelli ta' plasma f'pazjenti li kienu ħadu lamotrigine bi jew mingħajr gabapentin, gabapentin ma deherx li biddel it-tneħħija fid-dehra ta' lamotrigine.

Il-possibiltà li levetiracetam u lamotrigine ma jkunux jaqblu ma' xulxin għet assessjata bl-evalwazzjoni ta' konċentrazzjonijiet ta' serum taż-żewġ aġenti waqt provi kliniċi kontrollati bi plaċebo. Dan it-tagħrif jindika li lamotrigine ma jinfluwenzax il-farmakokinetiċi ta' levetiracetam u li levetiracetam ma jinfluwenzax il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine.

Konċentrazzjonijiet *steady-state trough* ta' lamotrigine fil-plażma ma ġewx affettwati meta ttieħed pregabalin (200 mg, 3 darbiet kuljum) fl-istess ħin. Ma hemmx problemi ta' interazzjoni fil-farmakokinetiċi ta' bejn lamotrigine u pregabalin.

Topiramate ma rriżulta f'ebda bidla fil-konċentrazzjonijiet ta' plasma ta' lamotrigine. L-għoti ta' lamotrigine irriżulta f'żjieda ta' 15% fil-konċentrazzjonijiet ta' topiramate.

Fi studju fuq pazjenti b'epilessija, l-għoti flimkien ta' zonisamide (200 sa 400 mg mg/kuljum) ma' lamotrigine (160 sa 500 mg/kuljum) għal 35 jum ma kellu ebda effett sinifikanti fuq il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine.

Għalkemm bdil fil-konċentrazzjonijiet ta' plasma ta' AEDs oħra ġie rappurtat, studji kontrollati ma wrew ebda evidenza li lamotrigine jaffettwa l-konċentrazzjonijiet ta' plasma ta' AEDs meta jittieħdu flimkien. Evidenza minn studji *in vitro* tindika li lamotrigine ma jieħux post AEDs oħra f'siti li jwaħħlu l-proteini.

Interazzjonijiet li jinvolvu aġenti oħra psikoattivi

Il-farmakokinetiċi ta' litju wara 2g ta' *anhydrous lithium gluconate* mogħti darbtejn kuljum għal sitt ijiem lil 20 individwi f'saħħithom ma nbidlux bl-għoti flimkien ta' 100 mg/kuljum lamotrigine.

L-għoti ta' ħafna dożi ta' bupropion ma' kellu ebda effett sinifikanti ta' statistika fuq il-farmakokinetiċi ta' doża waħda ta' lamotrigine fi 12-il persuna u wera biss żjieda żgħira fl-AUC tal-glukuronid ta' lamotrigine.

Fi studju fuq numru ta' voluntieri f'saħħithom, 15 mg olanzapine naqqsu l-AUC u C_{max} ta' lamotrigine b'medja ta' 24% u 20% rispettivament. Effett ta' dan il-kobor mhuwiex ġeneralment mistenni li jkun ta' rilevanza klinika. Lamotrigine b'doża ta' 200 mg ma kellu ebda effett fuq il-farmakokinetiċi ta' olanzapine.

Numru ta' dożi orali ta' 400 mg lamotrigine kuljum ma kellu ebda effett sinifikanti kliniku fuq il-farmakokinetiċi ta' doża waħda ta' 2 mg risperidone f'14 voluntieri f'saħħithom. Wara li ħadu 2 mg risperidone flimkien ma' lamotrigine, 12 mill-14 voluntieri rappurtaw ħeġġa ta' rqaq meta mqabbla ma' 1 minn 20 li ngħataw risperidone waħdu, u ħadd minnhom meta lamotrigine ingħata waħdu.

Esperimenti *in vitro* indikaw li l-formazzjoni tal-metabolit primarju ta' lamotrigine, il-glukuronid 2-N, ġie kemm kemm inibit b'ko-inkubazzjoni ma' amitriptyline, bupropion, clonazepam, haloperidol jew lorazepam. Dawn l-esperimenti indikaw ukoll li l-metaboliżmu ta' lamotrigine mhux probabbli li jkun inibit

bi clozapine, fluoxetine, phenelzine, risperidone, sertraline jew trazodone. Barra dan, studju dwar il-metaboliżmu ta' bufuralol bl-użu ta' preparamenti ta' mikrosomi tal-fwied uman indikaw li lamotrigine ma jnaqqasx mit-tneħħija ta' prodotti mediċinali metabolizzati prinċipalment b'CYP2D6.

Interazzjonijiet li jinvolvu kontraċettivi ormonali

Effett ta' kontraċettivi ormonali fuq il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine

Fi studju fuq 16 voluntieri nisa, dożaġġ ta' 30 µg ethinyloestradiol/150 µg levonorgestrel f'pillola kontraċettiva kombinata li tittieħed mill-ħalq ikkawżat żjieda ta' aktar minn darbtejn f'dik li hi tneħħija orali ta' lamotrigine, b'riżultat ta' tnaqqis medju ta' 52% u 39% fl-AUC u Cmax ta' lamotrigine, rispettivament. Il-konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fis-serum żdiedu matul il-ġimgħa ta' trattament mhux attiv (inkluża l-ġimgħa "bla pilloli"), bil-konċentrazzjonijiet ta' qabel it-teħid tad-dożi fl-aħħar tal-ġimgħa ta' trattament mhux attiv jibqgħu, bħala medja, darbtejn aktar minn dawk ta' waqt il-ko-terapija (ara sezzjoni 4.4). Ebda aġġustamenti m'għandhom ikunu neċessarji għal-linji gwida rakkomandati dwar iż-żjieda tad-dożi ta' lamotrigine li jkunu bażati biss fuq l-użu ta' kontraċettivi ormonali, iżda d-doża ta' stabilizzazzjoni ta' lamotrigine ikun hemm bżonn li tiżdied jew titnaqqas fil-parti l-kbira ta' każijiet meta jinbdew jew jitwaqqfu l-kontraċettivi ormonali (ara sezzjoni 4.2).

Effett ta' lamotrigine fuq il-farmakokinetiċi ta' kontraċettivi ormonali

Fi studju fuq 16 voluntieri nisa, doża *steady-state* ta' 300 mg lamotrigine ma kella ebda effett fuq il-farmakokinetiċi tal-komponent ethinyloestradiol ta' pillola kontraċettiva orali kombinata. Ġiet osservata żjieda żgħira fit-tneħħija orali tal-komponent levonorgestrel, li rriżultat fi tnaqqis medju ta' 19% u 12% mill-AUC u Cmax ta' levonorgestrel, rispettivament. Il-kejl ta' FSH, LH u oestradiol fis-serum waqt l-istudju wera xi tnaqqis ta' soppressjoni fl-attività ormonali ta' l-ovarju f'xi wħud min-nisa, għalkemm il-kejl ta' progesterone tas-serum indika li ma kien hemm ebda evidenza ormonali ta' ovulazzjoni f'xi waħda mis-16-il mara. L-impatt taż-żjieda żgħira fit-tneħħija ta' levonorgestrel, u l-bidliet fl-FSH u LH tas-serum fuq l-attività ovulatorja ta' l-ovarju mhux magħruf (ara sezzjoni 4.4). L-effetti ta' dożi ta' lamotrigine għajr it-300 mg/kuljum ma ġewx studjati u lanqas ma saru studji bi preparazzjonijiet ormonali oħra tan-nisa.

Interazzjonijiet li jinvolvu prodotti mediċinali oħra

Fi studju fuq 10 voluntieri rġiel, rifampicin żied it-tneħħija ta' lamotrigine u naqqas il-*half-life* ta' lamotrigine minħabba l-induzzjoni ta' l-enzimi tal-fwied risponsabbli għall-glukuronodazzjoni. F'pazjenti li jkunu fuq terapija konkomitanti b'rifampicin, għandu jintuża l-programm xieraq ta' trattament (ara sezzjoni 4.2).

Fi studju fuq voluntieri f'saħħithom, lopinavir/ritonavir naqqsu b'madwar in-nofs il-konċentrazzjonijiet ta' plasma ta' lamotrigine, probabbilment bl-induzzjoni ta' glukuronidazzjoni. F'pazjenti li jkunu fuq terapija konkomitanti b'lopinavir/ritonavir, għandu jintuża l-programm ta' trattament li suppost jintuża (ara sezzjoni 4.2).

4.6 Tqala u effetti fuq il-ħalib tas-sider

Riskju li ġeneralment għandu x'jaqsam ma' mediċini anti-epilettiċi

Nisa li jista' jkollhom it-tfal għandhom jingħataw pariri ta' speċjalisti. Il-ħtieġa għal trattament b'AEDs għandha tiġi riveduta meta mara tkun qed tippjana biex toħroġ tqila. Nisa li jkunu qed jiġu trattati għal epilessija m'għandhiex titwaqqfilhom f'salt it-terapija b'AEDs jekk possibbli għax dan jista' jwassal għal attacki mhux mistennija li jista' jkollhom konsegwenzi serji għall-mara u anke għat-tarbija.

Ir-riskju ta' malformazzjonijiet konġenitali jiżdied b'fattur ta' 2 sa 3 fil-wild ta' ommijiet trattati b'AEDs meta mqabbel ma' l-inċidenza mistennija ta' 3% fil-popolazzjoni ġenerali. Id-difetti l-aktar rappurtati ta' spiss huma *cleft lip*, malformazzjonijiet kardjo-vaskulari u difetti fit-tubu nevralġiku. Terapija b'numru ta' AEDs hi assoċjata ma' riskju akbar ta' malformazzjonijiet konġenitali minn monoterapija u għalhekk meta possibbli għandha tintuża monoterapija.

Riskju relatat ma' lamotrigine

Tqala

Studji epidemjologi li kienu jinvolvu madwar 2000 mara li kienu fuq monoterapija b'lamotrigine waqt it-tqala ma jeskludux riskju akbar ta' malformazzjonijiet konġenitali. Regjistru minnhom irrapporta żjieda fl-inċidenza ta' qsim fil-wiċċ. Dan ma ġiex konfermat minn settijiet oħra ta' tagħrif. Fi studji fuq annimali dehret tossiċità fl-iżvilupp (ara sezzjoni 5.3)

Jekk tinħass il-ħtieġa ta' terapija b'lamotrigine waqt it-tqala, għandha tingħata l-inqas doża ta' lamotrigine possibbli.

Lamotrigine għandu ftit effett ta' impeditur fuq *dihydrofolic acid reductase* u għalhekk jista' teoretikament iwassal għal riskju akbar ta' ħsara għall-fetu embrijoniku billi jnaqqas il-livelli ta' aċidu foliku (ara sezzjoni 4.4). Wieħed għandu jikkonsidra sew it-teħid ta' aċidu foliku meta tkun qed tiġi ppjanata tqala u fil-bidu tat-tqala.

Bidliet fiżjoloġiċi waqt it-tqala jista' jkollhom effett fuq il-livelli ta' lamotrigine u/jew effett terapewtiku. Ġie rappurtat tnaqqis fil-livelli ta' plasma fil-lamotrigine waqt it-tqala bil-possibiltà ta' riskju ta' telf ta' kontroll waqt xi attakk. Wara t-twelid il-livelli ta' konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fis-serum għandhom jiġu monitorjati qabel, waqt u wara t-tqala, kif ukoll għal ftit żmien wara t-twelid. Jekk hemm bżonn, id-doża għandha tiġi adattata biex il-konċentrazzjoni ta' lamotrigine fis-serum tinżamm fl-istess livelli ta' qabel it-tqala, jew skond ir-riżultat kliniku. Barra dan, effetti mhux mixtieqa li jkunu relatati mad-doża għandhom ikunu monitorjati wara t-twelid.

Treddigħ

Informazzjoni disponibbli tindika li lamotrigine jgħaddi fil-ħalib tas-sider. F'xi trabi li jerdgħu, il-konċentrazzjonijiet ta' lamotrigine fis-serum laħqu livelli li fihom jistgħu jseħħu effetti farmakoloġiċi.

Il-benefiċċji li jistgħu jgħorġu mit-treddigħ għandhom jitqabblu mal-possibiltà ta' riskju ta' effetti ħżiena fit-tarbija. Jekk mara tiddeċiedi li tredda' meta tkun fuq terapija b'lamotrigine, it-tarbija għandha tkun monitorjata għal xi effetti ħżiena.

Fertilita'

Esperimenti fuq annimali ma wrew ebda indeboliment ta' fertilita' b'lamotrigine (ara sezzjoni 5.3).

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Billi r-riżultat tat-terapija b'AEDs ivarja bejn individwu u ieħor, pazjenti li jieħdu Lamictal biex jikkuraw l-epilessija għandhom ikellmu lit-tabib tagħhom dwar xi problemi speċifiċi li jolqtu s-sewqan u l-epilessija.

Ma saru ebda studji dwar l-effetti fuq il-ħila għas-sewqan u t-tħaddim ta' magni. Żewġ studji fuq voluntieri wrew li l-effett ta' lamotrigine fuq il-koordinament viżwali, fuq il-movimenti tal-għajnejn, fuq iċ-ċaqliq tal-ġisem u fuq l-effetti sedattivi suġġettivi ma kienx differenti minn plaċebo. Fi provi kliniċi b'lamotrigine ġew rappurtati reazzjonijiet ħżiena ta' karattru newroloġiku bħal sturdamenti, u diplopija. Għalhekk, il-pazjenti għandhom jaraw sew x'effett terapija b'Lamictal jista' jkollha fuqhom qabel isuqu jew iħaddmu makkinarju.

4.8 Effetti mhux mixtieqa

L-effetti mhux mixtieqa ġew imqassma f'sezzjonijiet speċifiċi ta' epilessija u bi-polari fuq il-bażi ta' tagħrif disponibbli fil-mument. Madankollu, iż-żewġ sezzjonijiet għandhom jiġu meqjusa fil-konsiderazzjoni tal-profil ġenerali ta' sigurtà ta' lamotrigine.

Is-sistema li ġejja ġiet utilizzata għall-klassifikazzjoni ta' effetti mhux mixtieqa:- Komuni ħafna ($\geq 1/10$), komuni ($\geq 1/100$, $< 1/10$), mhux komuni ($\geq 1/1000$, $< 1/100$), rari ($\geq 1/10,000$, $< 1/1000$), rari ħafna ($< 1/10,000$).

F'kull grupp ta' frekwenzi, effetti mhux mixtieqa jidhru skond il-gravita' tagħhom u jibdew minn dawk l-aktar serji.

Epilessija

Disturbi fid-demm u fis-sistema limfatika

Rari ħafna: anormalitajiet ematoloġiċi inklużi newtrogenija, lewkopenija, anemija, tromboċitopenija, panċitopenija, anemija aplastika, agranuloċitożi.

Anormalitajiet ematoloġiċi jistgħu ikunu assoċjati mas-sindrome ta' sensitività eċċessiva u jistgħu ma jkunux (ara Disturbi fis-sistema immuni**).

Disturbi fis-sistema immuni

Rari ħafna: sindrome ta' sensitività eċċessiva** (inklużi sintomi bħal deni, limfadenopatija, edema fil-wiċċ, anormalitajiet fid-demm u fil-fwied, koagulazzjoni intravaskulari mxerrda, ħsara f'diversi organi tal-ġisem).

**Raxx ġie rappurtat bħala parti mis-sindrome ta' sensitività eċċessiva assoċjata ma' għamla li tvarja ta' sintomi sistemiċi inklużi deni, limfadenopatija, edema fil-wiċċ, u anormalitajiet fid-demm u fil-fwied. Is-sindrome turi firxa wiesgħa ta' severita' klinika u, rament, tista' twassal għal koagulazzjoni intravaskulari mxerrda u ħsara f'diversi organi tal-ġisem. Importanti wieħed ikun jaf li jista' jkun hemm sinjali bikrin ta' sensitività eċċessiva (per eżempju deni, limfadenopatija) minkejja li ma jkunx hemm raxx. Jekk ikun hemm sinjali u sintomi bħal dawn, il-pazjent għandu jiġi evalwat immedjatament u Lamictal jitwaqqaf jekk ma tkunx tista' tiġi stabbilita etjoloġija oħra.

Disturbi psikjatriċi

Komuni: aggressjoni, irritabilità

Rari ħafna: taħwid, alluċinazzjonijiet, tagħwiġ involuntarju ta' muskoli.

Disturbi fis-sistema nervuża

Matul provi kliniċi b'monoterapija:

Komuni ħafna: uġiġħ ta' ras

Komuni: nagħas, sturdamenti, roġħda, insomnija.

Mhux komuni: atassija

Rari: nistagmus

Matul esperjenza oħra klinika:

Komuni ħafna: nagħas, atassija, sturdament, uġiġħ ta' ras

Komuni: nistagmus, roġħda, insomnija.

Rari ħafna: aġitazzjoni, nuqqas ta' stabbilita', disturbi tal-moviment, peġġjorament tal-marda Parkinson, effetti strapiramidali, koreoatetozi, żjieda fil-frekwenza ta' aċċessjonijiet.

Xi rapporti wrew li lamotrigine jista' jħażżen is-sintomi tal-marda Parkinson f'pazjenti li ġa kienu jbatu b'dil-marda, u xi każi iżolati ta' effetti strapiramidali u koreoatetozi f'pazjenti li ma kienux ibatu minn dil-kondizzjoni.

Disturbi fl-għajnejn

Waqt provi kliniċi b'monoterapija:

Mhux komuni: diplopja, vista mċajpra

Minn esperjenza oħra klinika:

Komuni ħafna: diplopja, vista m'cajpra.
Rari: konġuntivite

Disturbi gastro-intestinali

Waqt provi kliniċi b' monoterapija:

Komuni: dardir, remettar, dijareja.

Minn esperjenza oħra klinika:

Komuni ħafna: dardir, remettar.

Komuni: dijareja

Disturbi fil-fwied u fil-marrara

Rari ħafna: nuqqas ta' funzjonament tal-fwied, funzjonament batut tal-fwied, żjeda ta' testijiet għall-funzjonament tal-fwied.

Funzjonament batut tal-fwied normalment jiġri f' assoċjazzjoni ma' reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva biss ġie li kien hemm każijiet iżolati bla ebda sinjali ċari ta' sensittività eċċessiva.

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Komuni ħafna: raxx fil-ġilda

Rari: Sindrome Stevens-Johnson

Rari ħafna: nekroliżi tossika tal-ġilda.

Fi provi kliniċi addizzjonali u *double-blind* fuq adulti, żviluppaw każijiet ta' raxx fil-ġilda sa fuq 10% ta' pazjenti li kienu jieħdu lamotrigine u sa fuq 5% f' pazjenti fuq plaċebo. Ir-raxx fil-ġilda wassal biex it-terapija b' lamotrigine titwaqqaf f' 2% mill-pazjenti. Ir-raxx, li normalment ikun jidher ta' għamla makulopapulari, ġeneralment jitfaċċa matul l-ewwel tmien ġimgħat minn mindu jinbeda t-trattament u jgħaddi malli Lamictal jitwaqqaf (ara sezzjoni 4.4).

Ġew irrappurtati każijiet serji ta' raxx fil-ġilda ta' periklu għall-ħajja, inklużi s-sindrome Stevens-Johnson u nekroliżi tossika tal-ġilda (Sindrome ta' Lell). Għalkemm il-biċċa l-kbira jirkupraw malli lamotrigine jitwaqqaf, xi pazjenti iġarrbu ċikatriċi irreversibbli u kien hemm ukoll każijiet ta' mwiet assoċjati ma' dan (ara sezzjoni 4.4).

Ir-riskju ta' raxx jidher li jkun relatat ħafna ma':

- dożi qawwija ta' lamotrigine fil-bidu li jeċċedu ż-żidiet rakkomandati fit-terapija b' lamotrigine (ara sezzjoni 4.2)
- l-użu ta' valproate fl-istess ħin (ara sezzjoni 4.2).

Raxx ġie wkoll rappurtat bħala parti mis-sindrome ta' sensittività eċċessiva assoċjata ma' għamla varjabbli ta' sintomi sistemiċi (ara Disturbi fis-sistema immuni**).

Disturbi muskulo-skeletriċi u tal-connective tissue

Rari ħafna: reazzjonijiet qieshom ta' lupus.

Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata

Komuni: għeja.

Mard Bi-polari

L-effetti mhux mixtieqa li jidhru hawn taħt għandhom jiġu kkunsidrati flimkien ma' daww li jidhru fl-epilessija fil-profil ta' sigurtà ġenerali ta' lamotrigine

Disturbi fis-sistema nervuża

Waqt provi kliniċi dwar mard bi-polari:
Komuni ħafna: uġiġħ ta' ras
Komuni: aġitazzjoni, nagħas, sturdamenti.

Disturbi gastro-intestinali

Waqt provi kliniċi dwar mard bi-polari:
Komuni: ħaq xott

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Waqt provi kliniċi dwar mard bi-polari:
Komuni ħafna: raxx fil-ġilda
Rari: Sindrome Stevens-Johnson.

Meta jiġu kkunsidrati l-istudji kollha dwar mard bi-polari (kontrollati u mhux kontrollati) li saru b'lamotrigine, raxx fil-ġilda seħħ fi 12% ta' pazjenti fuq lamotrigine. Waqt li, fi provi kliniċi kontrollati fuq pazjenti b'mard bi-polari, raxx fil-ġilda seħħ fi 8% ta' pazjenti fuq lamotrigine u f'6% ta' pazjenti fuq plaċebo.

Disturbi muskulo-skelettriċi u tal-connective tissue

Waqt provi kliniċi dwar mard bi-polari:
Komuni: artralgija

Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' mnejn jingħata

Waqt provi kliniċi dwar mard bi-polari:
Komuni: uġiġħ, uġiġħ fid-dahar.

4.9 Doża eċċessiva

Sintomi u sinjali

Ġew rappurtati każijiet fejn ittieħdu 10 sa 20 darba aktar mid-doża massima terapewtika. Teħid ta' doża eċċessiva rriżultat f'sintomi bħal nistagmus, ataksija, disturbi tas-sensi u koma.

Trattament

Fil-każ ta' dożaġġ żejjed, il-pazjent għandu jittieħed l-isptar u jingħata l-kura ta' support adatta. Għandha ssir terapija bil-għan li tnaqqas l-assorbiment (faħam ta' l-injam attiv, lassativ jew lavanda gastrika) jekk indikata. Ma hemmx tagħrif dwar każi ta' emodijalisi bħala trattament għal doża eċċessiva. F'sitt voluntieri f'saħħithom li kellhom indeboliment tal-kliwi, tneħħa 20% ta' lamotrigine mill-ġisem waqt sessjoni ta' 4 sigħat emodijalisi (ara sezzjoni 5.2).

5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Grupp farmakoterapewtika: anti-epilettiċi oħra, kodiċi ATC:N03AX09.

Mekkaniżmu ta' azzjoni

Ir-riżultati minn studji farmakoloġiċi jindikaw li lamotrigine hu imblokkatur dipendenti minn użu u voltaġġ ta' kanali tas-sodju *voltage gated*. Hu jinibixxi l-isparar repetitiv ta' newroni u jimpedixxi l-ħruġ ta' glutamat (in-newrotrasmettitur li għandu parti importanti ħafna fil-ġenerazzjoni ta' attakki epilettiċi). Dawn l-effetti x'aktarx jikkontribwixxu għall-kwalita' anti-konvulsiva ta' lamotrigine.

Minn naħa l-oħra, ma ġewx stabbiliti l-mekkaniżmi li permezz tagħhom lamotrigine jeżerċita l-azzjoni terapewtika tiegħu f'mard bi-polari, għalkemm l-interazzjoni ma' kanali tas-sodju *voltage gated* aktarx fiha l-importanza tagħha.

Effetti farmakodinamiċi

F'testijiet maħsuba biex jiġu evalwati l-effetti fis-sistema nervuża ċentrali ta' prodotti mediċinali, ir-riżultati miksuba minn użu ta' dożi ta' 240 mg lamotrigine mogħtija lil voluntieri f'saħħithom ma kienux differenti minn dawk bi plaċebo, waqt li 1000 mg phenytoin u 10 mg diazepam it-tnejn kemm huma ikkawżaw indeboliment sinifikanti fil-koordinament tal-mutur viżwali u l-movimenti ta' l-għajnejn, żiedu fit-tbandil tal-ġisem u pproduċew effetti sedattivi suġġettivi.

Fi studju ieħor, dożi orali waħedhom ta' 600 mg carbamazepine ikkawżaw indeboliment sinifikanti fil-koordinament tal-mutur viżwali u l-movimenti ta' l-għajnejn, waqt li żiedu kemm it-tbandil tal-ġisem u kemm it-taħbit tal-qalb, filwaqt li riżultati b'dożi ta' 150 mg u 300 mg lamotrigine ma wrewx differenza minn plaċebo.

Effikaċja klinika u sigurtà fit-tfal ta' età minn 1 sa 24 xahar

L-effikaċja u sigurtà ta' terapija aġġuntiva f'aċċessjonijiet parzjali f'pazjenti ta' età minn 1 sa 24 xahar ġiet evalwata fi studju żgħir, double-blind, ikkontrollat bi plaċebo, irtirat. Inbdiet il-kura f'177 suġġett bi skeda ta' titrazzjoni tad-doża simili ta' dik fi tfal ta' bejn is-2 u t-12-il sena. Il-pilloli ta' lamotrigine ta' 2mg huma l-aktar doża baxxa disponibbli, għalhekk l-iskeda ta' dożaġġ standard kienet aġġornata f'xi każijiet waqt il-fażi ta' titrazzjoni (per eżempju billi tagħti pillola ta' 2mg ġurnata iva u oħra le meta d-doża kkalkulata kienet ta' anqas minn 2mg). Il-livelli fis-serum kienu mkejla fl-aħħar ta' ġimgħa 2 tat-titrazzjoni u d-doża ta' wara jew imnaqqsa jew mhux miżjuda jekk il-konċentrazzjoni kienet ta' aktar minn 0.41 µg/mL, il-konċentrazzjoni mistennija fl-adulti f'dan il-punt. Kien hemm bżonn ta' tnaqqis fid-doża sa 90% f'xi pazjenti fl-aħħar ta' ġimgħa 2. Tmienja u tletin minn dawk li rrispondew (>40% tnaqqis fil-frekwenza ta' aċċessjonijiet) ġew imqassma bl-addoċċ jew għal plaċebo jew inkella jkomplu fuq lamotrigine. Il-proporzjon ta' suġġetti b'falliment fil-kura kien ta' 84% (16/19 suġġetti) fil-fergħa tal-plaċebo u 58% (11/19 suġġetti) fil-fergħa ta' lamotrigine. Din id-differenza ma kienetx statistikament sinifikanti : 26.3%, CI95%-2.6% < 50.2%, p=0.07.

Total ta' 256 suġġett ta' bejn 1 u 24 xahar kien espost għal lamotrigine f'doża li tvarja bejn 1 u 15mg/kg/kuljum sa 72 ġimgħa. Il-profil ta' sigurtà ta' lamotrigine fit-tfal minn xahar sa sentejn kienet simili għal dak fi tfal akbar barra li żvilupp klinikament sinifikanti għall-aġħar ta' aċċessjonijiet (≥50%) kienet rappurtata aktar spiss fi tfal taħt is-sentejn (26%) meta mqabbla ma' tfal akbar (14%).

Effikaċja klinika u sigurtà fis-sindrome ta' Lennox-Gastaut

Ma hemmx data fuq monoterapija f'aċċessjonijiet assoċjata mas-sindrome ta' Lennox-Gastaut.

Effikaċja klinika fil-prevenzjoni ta' episodji ta' buri f'pazjenti b'mard bi-polari

L-effikaċja ta' lamotrigine fil-prevenzjoni ta' episodji ta' bdil fil-burdata f'pazjenti b'disturbi bi-polari I kienet evalwata f'żewġ studji.

L-istudju SCAB2003 kien f'aktar minn ċentru wieħed, *double-blind, double dummy*, ikkontrollat bi plaċebo u lithium, intaġġel bl-addoċċ l-evalwazzjoni tad-doża fissa għal prevenzjoni fit-tul ta' rkadenza u rikorrenza ta' dipressjoni u/jew mania f'pazjenti b'disturbi bi-polari I li kellihom riċentement jew kienu qed jesperjenzaw episodju ta' dipressjoni maġġuri. La darba stabbiliti b'monoterapija b'lamotrigine jew terapija aġġuntiva, il-pazjenti ġew imqassma bl-addoċċ f'wieħed mill-ħames gruppi ta' kura: lamotrigine (50, 200, 400mg/kuljum, lithium (livelli fis-serum ta' 0.8 sa 1.1 mMol/L) jew plaċebo għal massimu ta' 76 ġimgħa (18-il xahar). L-*endpoint* primarju kien "Żmien għal Intervent għal Episodu ta' Bdil fil-Burdata (TIME)", fejn l-interventi kienu farmakoterapija addizzjonali jew terapija elettrokonvulżiva (ECT). L-istudju

SCAB2006 kellu pjan simili bħal l-istudju SCAB2003, imma kien differenti mill-istudju SCAB2003 fl-evalwazzjoni ta' doża flessibbli ta' lamotrigine (minn 100 sa 400mg/kuljum) u kien jinkludi pazjenti b'disturb bi-polari I li kellhom riċentement jew kienu qegħdin jesperjenzaw episodju ta' mania. Ir-riżultati jidhru f'Tabella 7.

Tabella 7 : Sommarju ta' riżultati minn studji li jinvestigaw l-effikaċja ta' lamotrigine fil-prevenzjoni ta' episodji ta' mania f'pazjenti b'disturb bi-polari I

‘Proporzjon’ ta’ pazjenti li kienu liberi minn eventi f’ġimgħa 76						
	Studju SCAB2003 Bi-polari I			Studju SCAB2006 Bi-polari I		
Kriterju ta’ inklużjoni	Episodju ta’ dipressjoni maġġuri			Episodju ta’ mania maġġuri		
	Lamotrigine	Lithium	Plaċebo	Lamotrigine	Lithium	Plaċebo
Liberi minn intervent	0.22	0.21	0.12	0.17	0.24	0.04
p-value Log rank test	0.004	0.006	-	0.023	0.006	-
Liberi minn dipressjoni	0.51	0.46	0.41	0.82	0.71	0.40
p-value Log rank test	0.047	0.209	-	0.015	0.167	-
Liberi minn mania	0.70	0.86	0.67	0.53	0.64	0.37
p-value Log rank test	0.339	0.026	-	0.280	0.006	-

F’analiżi ta’ support ta’ żmien sa l-ewwel episodju dipressiv u żmien sa l-ewwel episodju ta’ mania/ipomania jew episodji mħallta, il-pazjenti ttrattati b’lamotrigine kellhom żminijiet ħafna itwal għall-ewwel episodju ta’ dipressjoni minn pazjenti fuq plaċebo, u d-differenza fil-kura fejn jidħol iż-żmien għal episodji ta’ mania/ipomania jew imħallta ma’ kienx statistikament sinifikanti.

L-effikaċja ta’ lamotrigine flimkien ma’ *mood stabilisers* ma kienx studjat b'mod adegwat.

Analiżi ta’ suwiċidalita’

l-inċidenza ta’ ideazzjoni u aġir suwiċidali kienet evalwata f’analiżi miġbura flimkien ta’ studji kliniċi kkontrollati bi plaċebo b’lamotrigine li fihom kienu involuti total ta’ 6467 pazjent minn numru ta’ indikazzjonijiet.

F’subset ta’ studji kliniċi fuq disturbi bi-polari, ir-rata ta’ eventi kienet numerikament, iżda mhux statistikament sinifikament, akbar għal lamotrigine (29/1212 [2.4%]) meta mqabbla ma’ plaċebo (19/1014 [1.8%]). F’analiżi miġbura flimkien ta’ indikazzjonijiet psikjatriċi, l-eventi kienu aktar komuni fl-ewwel xahar ta’ trattament, f’pazjenti li kienu qed jieħdu lamotrigine. Eventi li jinvolvu l-aġir kienu aktar komuni fl-irgħiel.

Fis-subset ta’ studji kliniċi ta’ epilessija, ma kienx hemm differenzi statistikament sinifikanti fir-rati ta’ eventi bejn lamotrigine u plaċebo. Għalkemm in-numru ta’ ideazzjoni suwiċidali u eventi li jinvolvu l-aġir kienu baxxi wisq (6/1073 [0.6%]) fuq lamotrigine u 2/805 [0.3%]) fuq plaċebo) biex iħallu tqabbil definittiv bejn il-gruppi ta’ kura, ir-rata relattiva irrapurtata minn din l-analiżi ta’ lamotrigine hija konsistenti ma’ l-effett ta’ klassi irrapurtat għall-AED (ara s-sezzjoni 4.4).

Studju dwar l-effett ta’ lamotrigine fuq trasmissjoni kardijaka

Studju fuq voluntieri adulti f’saħħithom evalwa l-effett ta’ dożi ripetuti ta’ lamotrigine ((sa 400 mg/kuljum) fuq trasmissjoni kardijaka, kif assessjat bi 12-lead ECG. Ma kien hemm ebda effett klinikament sinifikanti ta’ lamotrigine fuq intervall QT meta mqabbel ma’ plaċebo.

5.2 Tagħrif farmakokinetiku

Assorbiment

Lamotrigine jiġi assorbit malajr u kompletament mill-imsaren mingħajr ebda metaboliżmu *first-pass* sinifikanti. L-akbar konċentrazzjonijiet ta' plasma jseħħu madwar 2.5 sigħat wara li lamotrigine jittieħed mill-ħalq. Wara l-ikel ikun hemm xi ftit dewmien sa ma tintlaħaq konċentrazzjoni massima imma dan ma jkollu ebda effett fuq l-ammont assorbit. Hemm varjazzjoni konsiderevoli bejn individwu u ieħor f'dawk li huma konċentrazzjonijiet massimi *steady state*, biss konċentrazzjonijiet fl-istess individwu rarament iwarjaw.

Distribuzzjoni

It-twaħħil ma' proteini tal-plasma hu madwar 55%; mhu xejn probabbli li t-teħid ta' post il-proteini tal-plasma għandu jirriżulta f'xi tossiċità'.

Il-volum ta' distribuzzjoni hu 0.92 sa 1.22 L/kg.

Metaboliżmu

UDP-glucuronyl transferases ġew identifikati bħala enzimi risponsabbli għall-metaboliżmu ta' lamotrigine.

Sa ċertu punt lamotrigine jinduċi l-metaboliżmu tiegħu stess u dan jiddependi mid-doża. Madankollu, m'hemm xejn x'juri li lamotrigine jaffettwa l-farmakokinetiċi ta' AEDs oħra u l-informazzjoni miġbura tindika li mhux mistennija interazzjonijiet bejn lamotrigine u prodotti mediċinali metabolizzati b'enzimi taċ-ċitokromu P₄₅₀.

Eliminazzjoni

Milli jidher it-tneħħija ta' plasma f'persuni f'saħħithom hi ta' madwar 30 mL/min. It-tneħħija ta' lamotrigine hi primarjament metabolika bl-eliminazzjoni sussegwenti ta' materjal konjugat bi glukuronid fl-awrina. Inqas minn 10% jitneħħa bla ma jinbidel fl-awrina. Madwar 2% biss ta' materjal relatat ma' lamotrigine jitneħħa mal-ħmieġ. It-tneħħija u l-*half-life* ma jiddependux mid-doża. Jidher li l-*half-life* tal-plasma f'persuni f'saħħithom hi ta' madwar 33 siegħa (skala ta' 14 sa 103 siegħa). Fi studju ta' pazjenti bis-Sindrome Gilbert, jidher li l-medja ta' tneħħija tnaqqset bi 32% meta mqabbla ma' kontrolli normali imma l-valuri huma fl-iskala applikabbli għall-popolazzjoni ġenerali.

Il-*half-life* ta' lamotrigine tiġi affettwata ferm meta dan jittieħed flimkien ma' prodotti mediċinali oħra. Il-medja tal-*half-life* titnaqqas b'madwar 14-il siegħa meta jingħata ma' prodotti mediċinali li jinduċu l-glukuronidazzjoni bħal m'huma carbamazepine u phenytoin u tiżdied għal medja ta' madwar 70 siegħa meta mogħti flimkien ma' valproate waħdu (ara sezzjoni 4.2).

Linearita'

Il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine huma lineari sa 450 mg, l-ogħla doża waħedha li ġiet ittestjata.

Popolazzjonijiet ta' pazjenti speċjali

Tfal

It-tneħħija aġġustata skond il-piż tal-ġisem hi ogħla fit-tfal milli fl-adulti bl-ogħla valuri fit-tfal taħt il-ħames snin. Il-*half-life* ta' lamotrigine hi ġeneralment iqsar fit-tfal milli fil-kbar b'valur medju ta' madwar 7 sigħat meta mogħti ma' prodotti mediċinali li jinduċu enzimi bħal carbamazepine u phenytoin u tiżdied għal valuri medji ta' 45 sa 50 siegħa meta mogħti flimkien ma' valproate waħdu (ara sezzjoni 4.2).

Trabi ta' bejn 2 u 26 xahar

Fi 143 pazjent pedjatriku ta' bejn 2 u 26 xahar, u li jiżnu minn 3 sa 16 kg, it-tneħħija kienet anqas meta mqabbla ma' tfal akbar bl-istess piż tal-ġisem, li kienu qed jirċievu l-istess dożi mill-ħalq kull kg ta' piż tal-ġisem bħal tfal akbar minn sentejn. Il-medja ta' *half-life* kienet stimata għal 23 siegħa fi trabi iżgħar minn 26 xahar fuq terapija li tinduċi l-enzimi, 136 siegħa meta ingħatat flimkien ma' valproate u 38 siegħa f'suġġetti trattati mingħajr indutturi/inibituri ta' l-enzimi. Il-varjabilita' bejn l-individwi fejn tidħol tneħħija mill-ħalq kienet għolja fil-grupp ta' pazjenti pedjatriċi ta' 2-26 xahar (47%). Il-livelli ta' konċentrazzjoni fis-serum previsti fi tfal ta' bejn 2 u 26 xahar kienu in ġenerali fl-istess skala ta' dawk fi tfal akbar, għalkemm livelli ta' Cmax aktar għolja huma aktar possibbli li jkunu osservati f'xi tfal b'piż tal-ġisem ta' anqas minn 10kg.

Anzjani

Riżultati minn analiżi ta' farmakokinetiċi ta' popolazzjoni li jinkludu kemm pazjenti żgħar u kemm kbar b'epilessija, reġistrati fl-istess provi, indikaw li t-tneħħija ta' lamotrigine ma' nbidlitx b'xi mod ta' rilevanza klinika. Wara l-għoti ta' dożi waħedhom deher li t-tneħħija naqset bi 12% minn 35 mL/min fl-eta' ta' 20 sa 31 mL/min fl-eta' ta' 70 sena. It-tnaqqis wara 48 ġimgħa ta' trattament kien ta' 10% minn 41 sa 37 mL/min bejn il-gruppi żgħar u kbar. Barra dan, il-farmakokinetiċi ta' lamotrigine ġew studjati fi 12-il pazjent anzjan wara doża ta' 150 mg. It-tneħħija medja fl-anzjani (0.39 mL/min/kg) qiegħda fl-iskala tal-valuri tal-medja ta' tneħħija (0.31 sa 0.65 mL/min/kg) li ħarġu minn disgħa studji fuq adulti mhux anzjani wara dożi waħedhom ta' 30 sa 450 mg.

Indeboliment tal-kliwi

Tnax il-voluntier bi ħsara kronika fil-fwied, u sitta oħra li kienu fuq emodijalisi ingħataw doża waħda ta' 100 mg lamotrigine kull wieħed. It-tneħħijiet medji kienu 0.42 mL/min/kg ((ħsara kronika fil-fwied), 0.33 mL/min/kg (bejn l-emodijalisi) u 1.57 mL/min/kg (waqt l-emodijalisi), meta mqabbla ma' 0.58 mL/min/kg f'voluntieri f'saħħithom. Il-medja ta' *half-lives* fil-plasma kienet 42.9 sigħat (ħsara kronika fil-fwied), 57.4 sigħat (bejn l-emodijalisi) u 13.0 sigħat (waqt l-emodijalisi), meta mqabbla ma' 26.2 sigħat fil-każ ta' voluntieri f'saħħithom. Bħala medja, madwar 20% (skala = 5.6 sa 35.1) mill-ammont ta' lamotrigine preżenti fil-ġisem ġie eliminat waqt sessjoni ta' 4 sigħat emodijalisi. Għal dil-popolazzjoni ta' pazjenti, id-dożi inizjali ta' lamotrigine għandhom ikunu bbażati fuq il-prodotti mediċinali li jkunu jittieħdu fl-istess ħin; dożi mnaqqsa ta' stabbilizzazzjoni jistgħu jkunu effettivi għal pazjenti b'indeboliment sinifikanti tal-funzjonament tal-kliwi (ara sezzjonijiet 4.2 u 4.4).

Indeboliment tal-fwied

Studju farmakokinetiku bażat fuq doża waħda twettaq f'24 persuna b'diversi livelli ta' indeboliment tal-fwied u fi 12-il persuna f'saħħithom bħala kontrolli. Deher li l-medja ta' tneħħija ta' lamotrigine kienet ta' 0.31, 0.24 jew 0.10 mL/min/kg f'pazjenti bi Grad A, B jew C (Klassifikazzjoni Child-Pugh) ta' indeboliment tal-fwied, rispettivament, meta mqabbel ma' 0.34 mL/min/kg f'kontrolli f'saħħithom. Dożi inizjali, dożi li jkunu jiżdiedu, u dożi ta' stabbilizzazzjoni ġeneralment għandhom jitnaqqsu f'pazjenti b'indeboliment moderat jew qawwi tal-fwied (ara sezzjoni 4.2).

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Informazzjoni mhux klinika bażata fuq studji dwar sigurtà farmakoloġika, tossiċità minn dożi ripetuti, u potenzjal ta' ġenotossiċità u karċinoġenika fil-bniedem turi li m'hemm ebda periklu speċjali.

Fi studji dwar tossiċità riproduttiva u dik ta' żvilupp fi ġrieden u fniek, ebda effetti teratoġeniċi ma ġew osservati ħlief tnaqqis ta' piż tal-fetu u ossifikazzjoni skeletrika ritardjata, f'livelli ta' esponiment inqas jew simili għal dawk mistennija f'esponiment kliniku. Billi livelli ta' esponiment ogħla ma setgħux jiġu ttestjati fuq annimali minħabba s-severità ta' tossiċità materna, il-potenzjal teratoġeniku ta' lamotrigine ma ġiex karatterizzat 'il fuq minn esponiment kliniku.

Fil-ġrieden, żjieda fl-imwiet ta' feti u ta' wara t-twelid kienet osservata meta lamotrigine ingħata fl-aħħar tat-tqala u matul l-ewwel jiem ta' wara t-twelid. Dawn l-effetti ġew osservati f'esponiment kliniku kif mistenni.

Fi ġrieden żgħar ġew osservati effetti fuq kif jitgħallmu bit-test *Biel maze*, f'tit dewmien fis-separazzjoni balanoprepuzjali u fil-patenza vaġinali, u tnaqqis fir-rata ta' żjieda fil-piż ta' wara t-twelid f'annimali F1 f'esponimenti ta' madwar darbtejn aktar mill-esponimenti terapewtiċi fi bnedmin adulti.

Esperimenti fuq annimali ma wrew ebda indeboliment ta' fertilita' b'lamotrigine. Lomotrigine naqqas il-livelli ta' aċidu foliku fil-fetu tal-ġrieden. Hu maħsub li n-nuqqas ta' aċidu foliku hu assoċjat ma' riskju akbar ta' malformazzjonijiet konġenitali f'annimali kif ukoll fil-bniedem.

Lomotrigine ikkawża inibizzjoni relatata mad-dożi ta' l-hERG *channel tail current* fiċ-ċelluli embrijoniċi tal-kliewi fil-bniedem. L-IC50 kien madwar disgħa darbiet aktar 'il fuq mill-konċentrazzjoni massima bla terapija. Lomotrigine ma kkawża ebda tul żejjed ta' QT f'annimali b'esponiment ta' madwar darbtejn aktar mill-konċentrazzjoni massima bla terapija. Fi studju kliniku, me kien hemm ebda effett ta' sinifikanza klinika ta' lamotrigine fuq l-intervall QT f'voluntieri adulti f'saħħithom (ara sezzjoni 5.1).

6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi

Pilloli ta' 25, 50 100 u 200 mg:

Lactose monohydrate

Microcrystalline cellulose

Povidone K30

Sodium starch glycolate (Type A)

Iron oxide yellow (E172)

Magnesium stearate.

2, 5, 25, 50, 100 u 200 mg pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Calcium carbonate

Low-substituted hydroxypropyl cellulose

Aluminium magnesium silicate

Sodium starch glycolate (Type A)

Povidone K30

Saccharin sodium

Magnesium stearate

Togħma ta' ribes.

6.2 Inkompatibilitajiet

Mhux applikabbli

6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali

Pilloli ta' 25, 50, 100 u 200 mg, pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda ta' 5, 25, 50, 100 u 200 mg:

Tliet snin

Pilloli ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda

Sentejn

6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Dan il-prodott mediċinali ma jeħtieġ ebda kondizzjonijiet speċjali għall-ħażna.

6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

Pilloli ta' 25 mg:

Folja blister tal-PVC/aluminju.

Pakketti ta' 14, 21, 30, 42, 50, 56 jew 100 pilloli.

Pakkett ta' 21 jew 42 pilloli biex tibda bih.

Pilloli ta' 50 mg:

Folja blister tal-PVC/aluminju

Pakketti ta' 14, 30, 42, 56, 90 jew 100 pillola.

Pakkett ta' 42 pilloli biex tibda bih.

Pilloli ta' 100 mg:

Folja blister tal-PVC/aluminju.

Pakketti ta' 30, 50, 56, 60, 90 jew 100 pillola.

Pilloli ta' 200 mg :

Folja blister tal-PVC/aluminju

Pakketti ta' 30, 56 jew 100 pillola

Pilloli ta' 2 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Fliexken HDPE li ma jħallux tfal jiftħuhom jew jagħlquhom u juru evidenza jekk jiġu mbaghsa

Pakketti ta' 30 pilloli jixterdu/jiġu mimgħuda

Pilloli ta' 5 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Folja blister tal-PVC/PVdC/aluminju.

Pakketti ta' 10, 14, 28, 30, 50 jew 56 pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda.

Pilloli ta' 25 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Folja blister tal-PVC/PVdC/aluminju.

Pakketti ta' 10, 14, 21, 28, 30, 42, 50, 56 jew 60 pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda.

Pakkett ta' 21 jew 42 pilloli li jixterdu/jiġu mimgħuda biex tibda bih .

Pilloli ta' 50 mg li jixterdu/jiġu mimgħuda:

Folja blister tal-PVC/PVdC/aluminju.

Pakketti ta' 10, 14, 30, 42, 50, 56, 60, 90, 100 jew 200 jixterdu/jiġu mimgħuda.

Pakkett ta' 42 pilloli jixterdu/jiġu mimgħuda biex tibda bih

Pilloli ta' 100 mg jixterdu/jiġu mimgħuda:

Folja blister tal-PVC/PVdC/aluminju.

Pakketti ta' 10, 30, 50, 56, 60, 90, 100 jew 200 pilloli jixterdu/jiġu mimgħuda.

Pilloli ta' 200 mg jixterdu/jiġu mimgħuda:

Folja blister tal-PVC/PVdC/aluminju

Pakketti ta' 10, 30, 50, 56, 60, 90, 100 jew 200 jixterdu/jiġu mingħuda.

Jista jkun li mhux il-pakketti tad-daqsijiet kollha jkunu għall-skop kummerċjali

6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema

L-ebda ħtiġijiet speċjali.

7. ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Ara l-Anness I – jitkompla fuq bażi nazzjonali)

8. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Jitkompla fuq bażi nazzjonali)

9. DATA TA' L-EWWEL AWTORIZZAZZJONI/TIĠDID TA' L-AWTORIZZAZZJONI

(Jitkompla fuq bażi nazzjonali)

10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA

{XX/SSSS}

(Jitkompla fuq bażi nazzjonali)

TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara l-Anness) pilloli ta' 25 mg
(Ara l-Anness I – Biex jitkompla fuq bażi nazzjonali)
Lamotrigine

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA

Kull pillola fiha 25 mg lamotrigine

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fiha monoidrat tal-lattosju – ara l-fuljett fil-pakkett għal aktar tagħrif

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

14-il pillola

21 pillola

30 pillola

42 pillola

50 pillola

56 pillola

100 pillola

Pakkett tal-bidu 21 pillola, valproate terapija *add-on*

Pakkett tal-bidu 42 pillola, monoterapija

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Jittieħed mill-ħalq

M'għandekx tomgħod jew tfarrak il-pillola

Aqra l-fuljett qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA/IET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Ara Anness I - Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

13. NUMRU TAL-LOTT

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-ISTRIXXI JEW FUQ IL-FOLJI
FOLJI

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara Anness I), pilloli ta' 25 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. ISEM TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
--

(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

3. DATA TA' META JISKADI

4. NUMRU TAL-LOTT

5. OĦRAJN

(Pakkett biex tibda ta' 21 tablets, valproate terapija *add-on* – pakkett kalendarju li juri n-numru ta' ġranet):

1	3	5	7	9	11	13	(kontenitur wieħed)
2	4	6	8	10	12	14	(mingħajr kontenitur)
15	17	19	21	23	25	27	(kontenitur wieħed)
16	18	20	22	24	26	28	(kontenitur wieħed)

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA

KARTUNA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (Ara Anness I), pilloli ta' 50 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. TAGĦRIF DWAR SUSTANZA ATTIVA

Kull pillola fiha 50 mg lamotrigine

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fiha monoidrat tal-lattosju – ara l-fuljett fil-pakkett għal aktar tagħrif

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

14 –il pillola

30 pilloli

42 pilloli

56 pilloli

90 pilloli

100pilloli

Pakkett tal-bidu 42 pilloli valproate terapija *add-on*

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Jittieħed mill-ħalq

M'għandekx tomgħod jew tfarrak il-pillola

Aqra l-fuljett qabel l-użu

6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA/IET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Ara AnnessI – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

13. NUMRU TAL-LOTT

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Biex timtela mill-pajjiż partikolari

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-ISTRIXXI JEW FUQ IL-FOLJI
FOLJI

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara Anness I), pilloli ta' 50 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. ISEM TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
--

(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

3. DATA TA' META JISKADI

4. NUMRU TAL-LOTT

5. OĦRAJN

(Pakkett biex tibda ta' 42 tablets, valproate terapija *add-on* – pakkett kalendarju li juri n-numru ta' ġranet):

1	2	3	4	5	6	7	(kontenitur wieħed)
8	9	10	11	12	13	14	(kontenitur wieħed)
15	16	17	18	19	20	21	(2 kontenituri)
22	23	24	25	26	27	28	(2 kontenituri)

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
KARTUNA**

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara Anness I), pilloli ta' 100 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. TAGĦRIF DWAR SUSTANZA ATTIVA

Kull pillola fiha 100 mg lamotrigine

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fiha monoidrat tal-lattosju – ara l-fuljett fil-pakkett għal aktar tagħrif

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

30 pillola
50 pillola
60 pillola
56 pillola
90 pillola
100 pillola

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Jittieħed mill-ħalq
M'għandekx tomgħod jew tfarrak il-pillola
Aqra l-fuljett qabel l-użu

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA
JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

7. TWISSIJA/IET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA

8. DATA TA' META JISKADI

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN

10. PREKAWZZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM BŻONN

11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Arra AnnessI – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

12. NUMRU(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

13. NUMRU TAL-LOTT

14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA

Biex timtela mill-pajjiż partikolari

15. STRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU

16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE

(Biex timtela mill-pajjiż partikolari)

TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-ISTRIXXI JEW FUQ IL-FOLJI
FOLJI

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara Anness I), pilloli ta' 100 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. ISEM TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ
--

(Ara l-Anness I – Jitkompla fuq bażi nazzjonali)

3. DATA TA' META JISKADI

4. NUMRU TAL-LOTT

5. OĦRAJN

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA
KARTUNA**

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

Lamictal u ismijiet assoċjati (ara Anness I), pilloli ta' 200 mg
(Ara Anness I – Biex timtela mill-pajjiż partikolari)
Lamotrigine

2. TAGĦRIF DWAR SUSTANZA ATTIVA

Kull pillola fiha 200 mg lamotrigine

3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI

Fiha monoidrat tal-lattosju – ara l-fuljett fil-pakkett għal aktar tagħrif

4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT

30 pillola
56 pillola
100pillola

5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA

Jittieħed mill-ħalq
M'għandekx tomgħod jew tfarrak il-pillola
Aqra l-fuljett qabel l-użu

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA
JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

